ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 32

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

**Volum 57**

**4 ta' Frar 2014**

| Avviż Nru | Werrej | Paġna |
|---|---|---|

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 32/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.7111 – Mitsui/ArcelorMittal Gonvarri Brasil Produtos Siderúrgicos/M Steel Comércio de Produtos Siderúrgicos) [1] ........ 1

2014/C 32/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.7112 – Sigma Alimentos/Campofrio) [1] ........ 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**

2014/C 32/03 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-isport għall-ekonomija tal-UE, u b'mod partikolari għat-trattament tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-inklużjoni soċjali ........ 2

**MT**

**Prezz: EUR 3**

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2014/C 32/04 Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-ambjent diġitali ..... 6


**Il-Kummissjoni Ewropea**


2014/C 32/05 Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament: 0,25 % fl-1 ta' Frar 2014 – Rata tal-kambju tal-euro ..... 8


**Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**


2014/C 32/06 Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu, u proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar informazzjoni dwar min iħallas, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi ..... 9

2014/C 32/07 Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursuri tad-droga ..... 13

2014/C 32/08 Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill imsejħa "Tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi fl-UE: il-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni (EIXM)" ..... 15

2014/C 32/09 Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta emendata tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezz ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u s-sehem tagħhom fl-ambitu ta' sistemi tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika ..... 17

2014/C 32/10 Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar "Strateġija għaċ-Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Spazju Ċibernetiku Miftuħ, Sikur u Mingħajr Periklu", u dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar miżuri biex jiġi żgurat livell komuni għoli tas-sigurtà tan-networks u l-informazzjoni fl-Unjoni kollha ..... 19

2014/C 32/11 Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (riformulazzjoni) u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja ..... 23


MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.7111 – Mitsui/ArcelorMittal Gonvarri Brasil Produtos Siderúrgicos/M Steel Comércio de Produtos Siderúrgicos)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 32/01)

Fid-29 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32014M7111. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

---

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

**(Każ COMP/M.7112 – Sigma Alimentos/Campofrio)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 32/02)

Fid-29 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32014M7112. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-isport għall-ekonomija tal-UE, u b'mod partikolari għat-trattament tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-inklużjoni soċjali

(2014/C 32/03)

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

I. KONXJI MIS-SERJETÀ TAL-PROBLEMA TAL-QGĦAD FOST IŻ-ŻGĦAŻAGĦ FL-EWROPA U L-KONSEGWENZI TIEGĦU:

1. Il-qgħad fost iż-żgħażagħ ikompli jippreżenta sfida kbira għall-UE u l-Istati Membri tagħha. F'Awwissu 2013, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ kienet ta' 23,3 % fit-28 pajjiż tal-UE [1] b'inugwaljanzi wiesgħa bejn l-Istati Membri u r-reġjuni fi ħdan l-Istati Membri [2].

2. Iż-żgħażagħ intlaqtu b'mod sproporzjonatament qawwi mill-kriżi ekonomika. Fl-Istati Membri kollha tal-UE r-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ huma ġeneralment ħafna ogħla mir-rati tal-qgħad għall-gruppi ta' etajiet oħra. Fl-aħħar tal-2012 ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ kienet 2,6 darbiet ogħla mir-rata tal-qgħad totali [3].

3. Dawn l-iżviluppi għandhom konsegwenzi serji mhux biss għall-individwi kkonċernati iżda wkoll għas-soċjetà u l-ekonomija inġenerali. Il-qgħad fit-tul jista' jintensifika l-marġinalizzazzjoni, u jwassal għall-faqar u riskju akbar ta' esklużjoni soċjali. Hemm ukoll riskji serji għall-komunitajiet peress li n-nuqqas ta' involviment fis-suq tax-xogħol jista' jwassal lil xi żgħażagħ biex jagħżlu li ma jipparteċipawx fis-soċjetà ċivili, u dan potenzjalment iwassal għal aktar frammentazzjoni soċjali.

4. Waħda mill-kwistjonijiet l-aktar sinifikanti li jirriżultaw mill-kriżi li ż-żgħażagħ jiffaċċjaw fl-Ewropa hija l-isfida li ġejja min-nuqqas ta' impjiegi u esperjenza ta' xogħol. Hemm ukoll differenza li qed tikber bejn il-ħiliet imfittxija minn ċerti impjegaturi u dawk il-ħiliet li għandhom ħafna impjegati prospettivi.

II. FILWAQT LI JFAKKRU LI L-KUNSILL EWROPEW:

5. Irrikonoxxa l-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ bħala "objettiv partikolari u immedjat" u enfasizza l-importanza li tingħata "l-attenzjoni mistħoqqa lill-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi ta' żgħażagħ vulnerabbli li qegħdin jiffaċċjaw sfidi speċifiċi" [4].

III. JISSOTTOLINJAW L-POTENZJAL TAL-ISPORT BIEX DAWN L-ISFIDI JIĠU INDIRIZZATI:

6. Permezz tal-impenn fl-isport, iż-żgħażagħ jistgħu jiksbu ħiliet u kompetenzi personali u professjonali speċifiċi li jkabbru l-kapaċità għall-impjieg. Dawn jinkludu t-tagħlim dwar kif titgħallem, il-kompetenzi soċjali u ċiviċi, it-tmexxija, il-komunikazzjoni, il-ħidma f'tim, id-dixxiplina, il-kreattività, l-intraprenditorija. L-isport jipprovdi wkoll għarfien u ħiliet professjonali f'oqsma bħall-kummerċjalizzazzjoni, l-amministrazzjoni, is-sikurezza u s-sigurtà pubblika. Dawn il-ħiliet u l-kompetenzi kollha jappoġġaw attivament il-parteċipazzjoni, l-iżvilupp u l-progressjoni taż-żgħażagħ fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi, b'modi li huma rilevanti u applikabbli għas-suq tax-xogħol u li huma ta' valur għal u mfittxija mill-impjegaturi.

7. L-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet sportivi fl-Ewropa huma tradizzjonalment ibbażati fuq l-impenn volontarju. Skont stħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2011 [5], kważi kwart

(1) Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija aktar minn 50 % f'xi Stati Membri u aktar minn 70 % f'xi reġjuni, filwaqt li fi ftit reġjuni hija saħansitra anqas minn 5 %.

(2) http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/3-30082013-AP/EN/3-30082013-AP-EN.PDF

(3) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 2.

(4) Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (27-28 ta' Ġunju 2013) – EUCO 104/2/13 REV 2.

(5) Special Eurobarometer on Volunteering and Intergenerational Solidarity (Ewrobarometru Speċjali dwar il-Volontarjat u s-Solidarjetà Interġenerazzjonali), Ottubru 2011.

ta' dawk li huma impenjati fil-volontarjat (24 %) huma attivi fil-qasam tal-isport. Ix-xogħol volontarju fl-isport, li huwa prinċipalment imwettaq fl-aktar livell bażiku u permezz tal-klabbs, hu ta' valur sinifikanti f'termini soċjali, ekonomiċi u demokratiċi.

8. L-isport għandu appell universali u ma jagħraf l-ebda limitu kulturali jew soċjoekonomiku. Għandu personalità internazzjonali u jiġbed firxa wiesgħa u differenti ta' nies. Konsegwentement l-attivitajiet sportivi huma mezz eċċellenti għall-integrazzjoni ta' gruppi ta' minoranzi u dawk marġinalizzati. L-isport huwa ta' ispirazzjoni emozzjonali u jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għal sens ta' għaqda, billi jgħin iġib l-istabbiltà, il-koeżjoni u l-paċi lill-komunitajiet.

9. Is-settur sportiv, inklużi l-attivitajiet volontarji fl-isport, jikkostitwixxu valur li jista' jitkejjel u ekonomikament u soċjalment sinifikanti fl-ekonomiji nazzjonali. Hemm evidenza dejjem tikber li l-isport jagħti kontribut sinifikanti lill-ekonomija tal-Ewropa u huwa mutur importanti għat-tkabbir u l-impjiegi, waqt li jiżgura wkoll l-koeżjoni soċjali u l-benessri, biex b'hekk jagħti kontribut distint għall-kisba tal-miri tal-istrateġija Ewropa 2020 ([6]).

10. Skont studju reċenti fl-UE kollha dwar it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-UE ([7]), is-sehem tal-valur miżjud marbut mal-isport fl-UE jammonta għal 1,76 % ([8]). Is-sehem tal-impjiegi marbuta mal-isport fl-UE hu ta' 2,12 %. Meta jitqiesu l-effetti multiplikaturi, is-sehem tal-isport saħansitra jitla' għal 2,98 % tal-valur miżjud gross globali fl-UE. Skont dak l-istudju s-sehem tal-isport fil-valur miżjud Ewropew għalhekk huwa komparabbli mas-sehem tas-setturi tal-agrikoltura, il-forestrija, u s-sajd kollha flimkien, b'Euro kull sittin iġġenerat u mdaħħal fl-UE marbut mal-isport.

11. L-isport huwa settur reżiljenti tal-ekonomija. Il-livelli ta' parteċipazzjoni jibqgħu pjuttost stabbli fil-fażijiet differenti kollha taċ-ċiklu ekonomiku. L-isport huwa strutturat permezz ta' sistema ta' avvenimenti u attivitajiet sportivi, organizzati mill-organizzazzjonijiet tal-isport, mill-avvenimenti fl-aktar livelli bażiċi sa dawk tal-ogħla livell. Dawn l-avvenimenti jibqgħu popolari, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, anke meta l-kondizzjonijiet ekonomiċi huma diffiċli. Filwaqt li l-avvenimenti sportivi jistgħu jiġu affettwati mill-kondizzjonijiet ekonomiċi li jvarjaw, il-qafas tal-avvenimenti sportivi u l-attivitajiet sportivi jibqa' stabbli.

12. L-isport għandu l-potenzjal li joħloq l-impjiegi u li jappoġġa l-iżvilupp ekonomiku lokali permezz tal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tal-faċilitajiet sportivi, l-organizzazzjoni tal-avvenimenti sportivi, l-attivitajiet tas-suq tal-prodotti u s-servizzi tal-industriji sportivi u l-attivitajiet relatati f'setturi oħrajn. L-infrastruttura marbuta mal-avvenimenti u l-attivitajiet sportivi (f'livell lokali), meta ppjanati bil-galbu b'għan multifunzjonali u b'viżjoni ċara tar-rwol funzjonali tagħha fil-futur, tista' tgħin biex tistabbilizza u tagħti spinta lill-ekonomija.

13. L-isport għandu effetti konsekwenzjali fuq setturi oħrajn. L-avvenimenti u l-kampjonati sportivi ġeneralment għandhom effetti pożittivi fuq setturi bħat-turiżmu, il-kultura, it-trasport, il-mezzi tal-informazzjoni, l-infrastruttura pubblika eċċ. Huma għandhom ukoll il-kapaċità li jgħaqqdu lin-nies u joħolqu sens ta' appartenenza u sensazzjoni kondiviża ta' suċċess. Għalhekk l-isport jista' jagħti kontribut sostantiv biex jiġu ffaċilitati l-isforzi tal-UE biex tirkupra mid-diffikultajiet ekonomiċi li għaddejjin.

IV. JENFASIZZAW IL-MESSAĠĠI TA' POLITIKA EWLENIN LI ĠEJJIN:

14. Minħabba l-importanza tas-settur tal-isport għall-ekonomija u tal-possibbiltajiet li dan is-settur jipprovdi liż-żgħażagħ – inkluż għal dawk li huma partikolarment vulnerabbli u żvantaġġati – biex jiksbu ħiliet u għarfien siewja, l-isport jista' jkollu rwol importanti fl-indirizzar tal-problema urġenti tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u jagħti impetu lill-irkupru ekonomiku. Tinħtieġ firxa wiesgħa ta' azzjonijiet li tinvolvi l-mobilizzazzjoni ta' diversi partijiet interessati bħala reazzjoni għall-isfidi msemmija hawn fuq.

15. L-impenn f'attivitajiet volontarji, filwaqt li mhux sostitut għall-impjieg imħallas, madankollu jista' jipprovdi liċ-ċittadini b'ħiliet ġodda, u b'hekk jikkontribwixxi pożittivament għall-kapaċità għall-impjieg tagħhom u t-tisħiħ tas-sens ta' appartenenza tagħhom għas-soċjetà. Il-parteċipazzjoni, b'mod partikolari fl-isport fl-aktar livelli bażiċi, miż-żgħażagħ – sew bħala parteċipant, faċilitatur, jew organizzatur – tiżviluppa ħiliet u kompetenzi personali ewlenin. L-attivitajiet volontarji fl-isport bħala forma ta' tagħlim mhux formali u informali jgħin liż-żgħażagħ jiksbu ħiliet u kompetenzi li jikkomplementaw l-edukazzjoni formali.

16. L-isport jipprovdi ambjent li fi ħdanu ż-żgħażagħ jistgħu jirfinaw dawn il-ħiliet, u b'hekk itejbu l-kapaċità għall-impjieg u l-produttività futura, fi żmien meta l-kondizzjonijiet tas-suq tax-xogħol huma estremament diffiċli, l-opportunitajiet tax-xogħol skarsi, u l-opportunitajiet għall-iżvilupp ta' ħiliet fuq ix-xogħol limitati.

17. L-involviment fl-isport, b'mod partikolari l-isport fl-aktar livelli bażiċi, jippermetti liż-żgħażagħ jiddernieġu l-enerġiji, ix-xewqat u l-entużjażmu istintiv tagħhom b'mod li huwa kostruttiv u jikkontribwixxi għall-komunitajiet li fihom huma jgħixu. Jista' jgħin fil-ġlieda kontra l-problemi soċjali ffaċċjati fl-Istati Membri,

([6]) Studju tal-Kummissjoni "Contribution of Sport to economic growth and employment in the EU" (2012).

([7]) Studju dwar il-kontribuzzjoni tal-isport għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-UE, ikkummissjonat mill-Kummissjoni Ewropea; Konsorzju mmexxi minn SportsEconAustria; Rapport finali, Novembru 2012.

([8]) Skont id-Definizzjoni tal-Isport ta' Vilnjus – definizzjoni wiesgħa: l-attivitajiet kollha li jeħtieġu l-isport bħala kontribut, flimkien mal-attivitajiet kollha li huma kontributi għall-isport, flimkien mad-definizzjoni statistika tal-isport kif definita fin-NACE 92.6 Rev.1.1.

bħall-frammentazzjoni soċjali u l-preġudizzju kontra gruppi speċifiċi, billi jipprovdi liż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk mingħajr impjiegi mħallsa jew opportunitajiet għal edukazzjoni u taħriġ rilevanti, b'fokus pożittiv, kostruttiv u bbażat fil-komunità.

18. L-investiment fuq skala żgħira ta' flejjes pubbliċi f'faċilitajiet lokali tal-isport, u l-appoġġ għal klabbs tal-isport ibbażati fil-komunità, jista' jiġġenera benefiċċji sinifikanti f'termini ta' komunitajiet aktar b'saħħithom, aktar sikuri u aktar koeżivi.

19. Il-parteċipazzjoni fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti sportivi nazzjonali u internazzjonali u l-involviment fl-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura sportiva – kemm jekk lokali jew inkella nazzjonali – tista' tkun waħda mill-fatturi ewlenin għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda, speċjalment għaż-żgħażagħ.

V. B'REAZZJONI GĦALL-MESSAĠĠI TA' POLITIKA EWLENIN JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI B'RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETÀ BIEX:

20. Jiskambjaw l-esperjenzi u l-prattiki tajbin dwar:

— it-titjib tal-parteċipazzjoni fl-isport u s-soċjetà taż-żgħażagħ fil-livell lokali, speċjalment hekk kif iħallu l-istrutturi edukattivi formali;

— kif l-involviment volontarju fil-klabbs u l-organizzazzjonijiet tal-isport jista' jsaħħaħ il-ħiliet u l-kompetenzi trasversali;

— kif l-involviment f'attivitajiet sportivi jista' jagħmel komunitajiet aktar sikuri u aktar koeżivi;

— l-organizzazzjoni ta' apprendistati u taħriġ intern f'organizzazzjonijiet tal-isport li jimmotivaw liż-żgħażagħ u jiffaċilitaw l-aċċess nazzjonali u transnazzjonali għas-suq tax-xogħol.

21. Jippromwovu azzjonijiet ta' politika li għandhom l-għan li jiżviluppaw il-ħiliet għall-impjiegi permezz tal-isport. F'dan ir-rigward, jiġu appoġġati organizzazzjonijiet volontarji u/jew klabbs tal-isport, kif ukoll attivitajiet tal-isport u/jew avvenimenti – fl-aktar livell bażiku u/jew livell professjonali.

22. Jesploraw modi sabiex jittejbu l-mogħdijiet għall-professjonisti u l-volontarji futuri fl-isport u jiġi promoss it-tagħlim fuq il-post tax-xogħol, sabiex jiġu żviluppati l-ħiliet li jistgħu jiġu rikonoxxuti fi ħdan oqfsa tal-kwalifiki nazzjonali. Dawn jistgħu jiġu referenzjati għall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki sabiex tittejjeb it-trasparenza internazzjonali u l-mobbiltà taż-żgħażagħ ikkonċernati. Il-potenzjal għar-rikonoxximent tal-ħiliet miksuba permezz ta' tagħlim informali u mhux formali fl-isport għandu wkoll jiġi esplorat.

23. Jinkoraġġixxu investiment strateġiku fl-isport billi jintużaw, fejn adatt, il-possibbiltajiet ipprovduti mill-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, inklużi l-fondi strutturali tal-UE (notevolment il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali) u l-għodda finanzjarji tal-UE bħalma hu l-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

24. Jippromwovu kooperazzjoni interna effettiva fi ħdan l-awtoritajiet pubbliċi fost is-setturi li jittrattaw l-affarijiet soċjali, iż-żgħażagħ, l-impjiegi u kwistjonijiet ekonomiċi sabiex tiġi żgurata sensibilizzazzjoni akbar rigward ir-rwol soċjali u ekonomiku tal-isport.

VI. JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U B'RISPETT DOVUT GĦALL-PRINĊIPJU TA' SUSSIDJARJETÀ BIEX:

25. Jippromwovu l-involviment transsettorjali mal-esperti tal-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u impjiegi bil-għan li jiġi esplorat l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi.

26. Jieħdu vantaġġ sħiħ mill-Programm Erasmus+ bħala opportunità għall-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi personali u professjonali.

27. Jidentifikaw il-modi li bihom l-isport jista' jiġi ffinanzjat sabiex jippromwovi l-inklużjoni soċjali u l-impjieg taż-żgħażagħ permezz tal-fondi strutturali (notevolment il-Fond Soċjali Ewropew jew il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali) jew mekkaniżmi oħrajn ta' finanzjament tal-UE, bħalma hu l-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment, speċjalment l-iżvilupp u, fejn hu xieraq, il-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-isport fuq skala żgħira fi rħula u bliet għall-użu mill-pubbliku, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali liż-żoni li huma soċjalment imċaħħda. Tali infrastruttura fuq skala żgħira tista' tgħin biex jintlaħqu bosta għanijiet soċjali, bħall-ħolqien tal-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, u t-titjib tas-saħħa.

28. Jsaħħu d-djalogu u l-inizjattivi komuni mal-partijiet interessati ewlenin, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet sportivi, l-industrija tal-prodotti sportivi u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ sabiex jiġi żviluppat aktar ambjent favorevoli biex iż-żgħażagħ jiġu attratti lejn is-settur tal-isport.

29. Jirriflettu dwar kif il-kontribut tal-isport għall-iżvilupp tal-ħiliet taż-żgħażagħ u ż-żamma ta' komunitajiet soċjalment inklużivi fi żminijiet ta' qgħad għoli fost iż-żgħażagħ jistgħu jiġu indirizzati bl-aktar mod effettiv fil-kuntest ta' ħidma futura dwar l-isport fil-livell tal-UE.

VII. B'REAZZJONI GĦALL-MESSAĠĠI TA' POLITIKA EWLENIN JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI BIEX:

30. Torganizza seminar transsettorjali ta' livell għoli dwar il-kontribut tal-isport fil-ħolqien tal-impjiegi u għat-trattament tal-qgħad fl-UE, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażagħ.

31. Abbażi tal-kooperazzjoni li għaddejja tal-UE fil-livell ta' esperti, tħejji studju dwar il-kontribut tal-isport għall-kapaċità għall-impjieg taż-żgħażagħ fil-kuntest tal-istrateġija Ewropa 2020.

**Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-ambjent diġitali**

(2014/C 32/04)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

JINNOTA LI:

1. il-libertà u l-pluraliżmu tal-media huma valuri fundamentali mnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dawn huma pilastru essenzjali tad-demokrazija peress li l-media għandha rwol importanti biex tiżgura t-trasparenza u r-responsabbiltà u għandha impatt fuq l-opinjoni pubblika u fuq il-parteċipazzjoni u l-kontribut taċ-ċittadini fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

2. ġew innutati numru ta' sfidi għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media matul dawn l-aħħar snin fl-Unjoni Ewropea. Dawn jinkludu kwistjonijiet sottolinjati minn kawżi fil-qorti, stħarriġ uffiċjali, rapporti mill-Parlament Ewropew u organizzazzjonijiet mhux governattivi, kif ukoll f'dibattiti parlamentari nazzjonali u Ewropej;

3. it-trasparenza dwar lil min tappartjeni l-media u tas-sorsi ta' finanzjament hija essenzjali bil-ħsieb li jkunu garantiti l-libertà u l-pluraliżmu tal-media;

4. l-assigurazzjoni tal-ħarsien tal-ġurnalisti minn influwenza mhux debita hija ta' importanza ewlenija sabiex tkun garantita l-libertà tal-media, li ssir aktar relevanti fi żminijiet ta' kriżi ekonomika u t-trasformazzjoni tas-settur tal-media;

5. l-assigurazzjoni ta' ħarsien adegwat tas-sorsi ġurnalistiċi hija element ewlieni tal-libertà tal-media;

6. id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, il-qafas regolatorju fi ħdan l-UE għas-servizzi tal-media awdjoviżiva, tikkontribwixxi għat-trawwim tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media. L-awtoritajiet regolatorji kompetenti tal-awdjoviżiv fl-Istati Membri għandhom rwol kruċjali fl-infurzar ta' dan il-qafas;

7. il-Kummissjoni ffinanzjat għadd ta' studji, rapporti, proġetti u azzjonijiet ikkoordinati fil-qasam tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media;

8. il-Kunsill tal-Ewropa jwettaq xogħol importanti ħafna fil-qasam tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media. F'dan ir-rigward, il-Memorandum ta' Fehim tal-2007 bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea jelenka l-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni fost il-prijoritajiet u l-oqsma ewlenin kondiviżi għall-kooperazzjoni bejn dawn l-organizzazzjonijiet;

9. l-Internet jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni u joffri liċ-ċittadini opportunitajiet ġodda għall-parteċipazzjoni, id-diskussjoni u l-formulazzjoni ta' opinjonijiet. Filwaqt li dan jikkontribwixxi għal-libertà tal-espressjoni u jsaħħaħ il-pluraliżmu tal-opinjonijiet, jinħolqu wkoll sfidi ġodda fir-rigward tal-mod kif in-nies ikollhom aċċess għall-informazzjoni u kif jivvalutawha. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-effetti negattivi possibbli kemm tal-konċentrazzjoni eċċessiva fis-settur kif ukoll tat-tisħiħ tal-pożizzjonijiet ta' dawk li jikkontrollaw l-aċċess;

10. bil-karattru globali tal-Internet mhuwiex possibbli li dawn il-kwistjonijiet jinżammu fi ħdan konfini definiti b'mod ġeografiku.

JAQBLU LI:

11. livell għoli ta' indipendenza u pluraliżmu tal-media huwa essenzjali mhux biss għad-demokrazija, iżda jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku u tas-sostenibbiltà tiegħu;

12. il-Kunsill tal-Ewropa għandu rwol importanti fl-istabbiliment ta' standards għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media u l-kooperazzjoni ma' dak il-korp għandha titkompla u tissaħħaħ aktar;

13. l-informazzjoni dwar lil min jappartjeni stabbiliment tal-media partikolari u dwar entitajiet jew persuni oħrajn li jibbenefikaw minn tali appartenenza għandha tkun aċċessibbli faċilment għaċ-ċittadini sabiex ikunu jistgħu jagħmlu ġudizzju infurmat dwar l-informazzjoni pprovduta. F'dan il-kuntest, il-litteriżmu medjatiku għandu rwol importanti;

14. il-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fost l-awtoritajiet regolatorji tal-awdjoviżiv u awtoritajiet kompetenti relevanti oħrajn jikkontribwixxu għall-funzjonament tas-suq uniku tal-UE u għal xenarju tal-media miftuħ u pluralistiku;

15. li jkunu assigurati livelli għoljin tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media huwa essenzjali għall-UE sabiex tkun kredibbli fin-negozjati ma' pajjiżi aderenti u fil-fora internazzjonali.

JILQGĦU:

16. il-Green Paper tal-Kummissjoni – It-tħejjija għal Dinja Awdjoviżiva Konverġenti b'Mod Komplet [1].

JIEĦDU NOTA TA':

17. ir-rapporti indipendenti tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Libertà u l-Pluraliżmu tal-Media [2] u tal-Media Futures Forum [3].

(1) Dok. 8934/13 – COM(2013) 231 final.
(2) http://ec.europa.eu/digital-agenda/sites/digital-agenda/files/HLG%20Final%20Report.pdf
(3) http://ec.europa.eu/information_society/media_taskforce/doc/pluralism/forum/report.pdf

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI BIEX:

18. jassiguraw l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji tal-awdjoviżiv tagħhom;

19. jieħdu miżuri adatti sabiex tinkiseb it-trasparenza ġenwina dwar lil min tappartjeni l-media;

20. jieħdu miżuri adatti sabiex jissalvagwardjaw id-dritt tal-ġurnalisti biex iħarsu s-sorsi tagħhom u biex iħarsu lill-ġurnalisti minn influwenza mhux debita;

21. jieħdu miżuri adatti, skont il-kuntest nazzjonali tagħhom, sabiex jiġu evitati effetti negattivi possibbli ta' konċentrazzjoni eċċessiva ta' lil min tappartjeni l-media.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI, FIL-KOMPETENZA TAGĦHA BIEX:

22. tkompli tappoġġa proġetti li għandhom l-għan li jsaħħu l-ħarsien tal-ġurnalisti u tal-prattikanti tal-media;

23. tkompli tappoġġa l-għodda ta' monitoraġġ indipendenti għall-valutazzjoni tar-riskji għall-pluraliżmu tal-media fl-UE (Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media), li hija implimentata mill-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze, u tinkoraġġixxi aktar użu tagħha mill-Istati Membri u l-partijiet interessati relevanti kollha;

24. issaħħaħ, permezz ta' azzjonijiet mhux leġislattivi ([1]), il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji tal-awdjoviżiv tal-Istati Membri u jiġu promossi l-aqwa prattiki fir-rigward tat-trasparenza dwar lil min tappartjeni l-media;

25. tivvaluta l-effettività ta' dawn il-miżuri sabiex jiġi kkunsidrat kwalunkwe pass ieħor.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, FI ĦDAN IL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX:

26. jissalvagwardjaw, jippromwovu u japplikaw il-valuri mnaqqxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u f'dan il-kuntest jindirizzaw l-isfidi għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media madwar l-UE f'konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

([1]) Il-Kummissjoni ma taqbilx mar-referenza għal "azzjonijiet mhux leġislattivi" u tippreferi kliem iktar ġenerali.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament** ([1]):

**0,25 % fl-1 ta' Frar 2014**

**Rata tal-kambju tal-euro** ([2])

**It-3 ta' Frar 2014**

(2014/C 32/05)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3498 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4950 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 137,82 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,5609 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4621 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,6643 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,82590 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7341 |
| SEK | Krona Żvediża | 8,8318 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 463,63 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2226 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 15,0135 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,1798 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,4525 | HRK | Kuna Kroata | 7,6525 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 16 521,49 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,527 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,5519 |
| HUF | Forint Ungeriż | 311,76 | PHP | Peso Filippin | 61,267 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 47,4730 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,2242 | THB | Baht Tajlandiż | 44,806 |
| RON | Leu Rumen | 4,4938 | BRL | Real Brażiljan | 3,2478 |
| TRY | Lira Turka | 3,0533 | MXN | Peso Messikan | 17,9892 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,5346 | INR | Rupi Indjan | 84,3710 |

([1]) Rata applikata għall-operazzjoni l-iktar reċenti mwettqa qabel il-jum indikat. Fil-każ ta' sejħa għall-offerti b'rata varjabbli, ir-rata tal-interessi hija r-rata marġinali.
([2]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu, u proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar informazzjoni dwar min iħallas, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi**

*(It-test kollu ta' din l-Opinjoni tista' ssibu bl-EN, FR u DE fuq il-websajt tal-KEPD http://www.edps.europa.eu)*

(2014/C 32/06)

## 1. **Introduzzjoni**

### 1.1. *Konsultazzjoni tal-KEPD*

1. Fil-5 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti: waħda għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijiet ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu ([1]) ("id-Direttiva proposta"), u waħda għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar informazzjoni dwar min iħallas, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi ([2]) ("ir-Regolament propost"), minn hawn 'il quddiem imsejħin b'mod konġunt "il-Proposti". Il-Proposti ntbagħtu lill-KEPD għal konsultazzjoni fit-12 ta' Frar 2013.

2. Il-KEPD jilqa' l-fatt li huwa kkonsultat mill-Kummissjoni u li ġiet inkluża referenza għall-konsultazzjoni fil-preamboli tal-Proposti.

3. Qabel l-adozzjoni tal-Proposti, il-KEPD ingħata l-possibbiltà li jipprovdi kummenti informali lill-Kummissjoni. Xi wħud minn dawn il-kummenti ġew ikkunsidrati.

### 1.2. *Objettii u ambitu tal-Proposti*

4. Il-ħasil tal-flus tfisser, b'mod ġenerali il-konverżjoni tar-rikavat ta' attività kriminali f'fondi apparentement nodfa, ġeneralment permezz tas-sistema finanzjarja ([3]). Dan isir billi s-sorsi tal-flus jiġu moħbija, tinbidel il-forma tagħhom, jew il-fondi jittieħdu f'post fejn hemm inqas probabbiltà li jiġbdu l-attenzjoni. Il-finanzjament tat-terroriżmu huwa l-forniment jew il-ġbir ta' fondi, bi kwalunkwe mezz, direttament jew indirettament, bl-intenzjoni li għandhom jintużaw jew bl-għarfien li għandhom jintużaw sabiex iwettqu reati terroristiċi ([4]).

5. Fil-livell tal-UE, ġiet introdotta leġiżlazzjoni bil-għan li timpedixxi l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu mill-1991 'il quddiem. Dawn ir-reati huma kkunsidrati bħala theddida għall-integrità u l-istabbiltà tas-settur finanzjarju u, b'mod aktar ġenerali, bħala theddida għas-Suq Intern. Il-bażi legali għall-Proposti huwa l-Artikolu 114 tat-TFUE.

6. Ir-regoli tal-UE maħsuba biex jimpedixxu l-ħasil tal-flus huma fil-biċċa l-kbira tagħhom ibbażati fuq standards adottati mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) ([5]). Il-Proposti jimmiraw lejn l-implimentazzjoni fl-UE tal-istandards internazzjonali riveduti kontra l-ħasil tal-flus introdotti mill-FATF fi Frar 2012. Id-direttiva attwali, dik li tissejjaħ it-Tielet Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus (AML) ([6]), ilha fis-seħħ mill-2005. Din tipprovdi qafas Ewropew madwar l-istandards internazzjonali tal-FATF.

([1]) COM(2013) 45 finali.
([2]) COM(2013) 44 finali.
([3]) Ara l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva proposta.
([4]) Ara l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva proposta.
([5]) L-FATF hija l-aġenzija ewlenija li tistabbilixxi l-istandards għal miżuri għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, u (l-aktar reċentement) il-finanzjament tal-proliferazzjoni. Dan huwa korp intergovernattiv li għandu 36 membru, u bil-parteċipazzjoni ta' aktar minn 180 pajjiż. Il-Kummissjoni Ewropea hija waħda mill-membri fundaturi tal-FATF. 15-il Stat Membru tal-UE huma membri tal-FATF bi dritt proprju tagħhom.
([6]) Id-Direttiva 2005/60/KE tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

7. It-Tielet Direttiva AML tapplika għas-settur finanzjarju (istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji) kif ukoll għal professjonisti bħal avukati, nutara, kontabilisti, aġenti tal-proprjetà immobbli, każinojiet u fornituri ta' servizzi ta' kumpaniji. L-ambitu tagħha jkopri wkoll il-fornituri kollha ta' merkanzija, meta l-ħlasijiet isiru fi flus kontanti għal iktar minn EUR 15 000. Dawn id-destinatarji kollha huma kkunsidrati bħala "entitajiet obbligati". Id-Direttiva teħtieġ li dawn l-entitajiet obbligati jidentifikaw u jivverifikaw l-identità tal-klijenti (dik li tissejjaħ id-diliġenza dovuta mal-klijent "customer due diligence", minn hawn 'il quddiem "CDD") u tas-sidien benefiċjarji, u jimmonitorjaw it-transazzjonijiet finanzjarji tal-klijenti. Imbagħad tinkludi obbligi ta' rappurtar ta' suspetti ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (FIUs) rilevanti, kif ukoll obbligi oħra li jakkumpanjawhom. Id-Direttiva tintroduċi wkoll rekwiżiti u salvagwardji addizzjonali (bħar-rekwiżit li ssir diliġenza dovuta msaħħa mal-klijent) għal sitwazzjonijiet ta' riskju akbar.

8. Id-Direttiva proposta testendi l-ambitu tal-qafas attwali u timmira li ssaħħaħ dawn l-obbligi, pereżempju billi tinkludi fornituri ta' servizzi tal-logħob u negozjanti fi prodotti fl-entitajiet obbligati, b'limitu ta' EUR 7 500, teħtieġ informazzjoni estiża ta' sjieda benefiċjarja, tillimita r-rekwiżiti dwar "persuni esposti politikament" u tintroduċi rekwiżiti għall-iskrutinju tal-familja u l-assoċjati mill-qrib tal-persuni esposti politikament kollha. Il-lista ta' reati ([1]) marbutin mal-ħasil tal-flus ġiet estiża biex tinkludi delitti fiskali relatati mat-taxxi diretti u mat-taxxi indiretti.

9. Ir-Regolament propost jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1781/2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament għat-Trasferimenti tal-Fondi") li għandu l-għan li jtejjeb it-traċċabbiltà tal-pagamenti. Ir-Regolament għat-Trasferimenti tal-Fondi jikkumplimenta l-miżuri l-oħra tal-AML billi jiżgura li l-informazzjoni bażika dwar il-pagatur tat-trasferimenti tal-fondi tkun disponibbli immedjatament lill-awtoritajiet infurzar tal-liġi u/jew tal-prosekuzzjoni biex tgħinhom fid-detezzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni ta' terroristi jew kriminali oħra u r-rintraċċar tal-assi ta' terroristi.

## 4. **Konklużjonijiet**

98. Il-KEPD jirrikonoxxi l-importanza ta' politiki kontra l-ħasil tal-flus għar-reputazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-Istati Membri. Madankollu, huwa jenfasizza li l-għan leġittimu li tinkiseb trasparenza tas-sorsi tal-pagamenti, id-depożiti tal-fondi u t-trasferimenti għall-iskop tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ħasil tal-flus għandu jiġi segwit filwaqt li tiġi żgurata konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta.

99. Il-kwistjonijiet li ġejjin għandhom jiġu indirizzati fiż-żewġ Proposti:

— referenza espliċita għal-liġi tal-UE applikabbli tal-protezzjoni tad-dejta għandha tiddaħħal fiż-żewġ Proposti f'dispożizzjoni sostantiva u ddedikata, li ssemmi b'mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE u l-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE, u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 li jikkonċerna l-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Din id-dispożizzjoni għandha tiddikjara wkoll b'mod ċar li l-Proposti huma mingħajr preġudizzju għal-liġijiet applikabbli tal-protezzjoni tad-dejta. Ir-referenza fil-Premessa 33 għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 għandha tiġi mħassra;

— definizzjoni ta' "awtoritajiet kompetenti" u "FIUs" għandha tiġi inserita fid-Direttiva proposta. Din id-definizzjoni għandha tiggarantixxi li l-"awtoritajiet kompetenti" m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala "awtoritajiet kompetenti" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(h) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI.

— għandu jiġi ċċarat fil-Premessa 32 li l-bażi legali għall-ipproċessar tkun il-ħtieġa li jkun hemm konformità ma' obbligu legali mill-entitajiet obbligati, l-awtoritajiet kompetenti u l-FIUs (Artikolu 7(c) tad-Direttiva 95/46/KE);

— għandu jitfakkar li l-uniku għan tal-ipproċessar għandu jkun il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u li d-dejta m'għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment għal skopijiet inkompatibbli;

([1]) Reat marbut huwa kwalunkwe reat kriminali li r-rikavat tiegħu jintuża biex isir reat ieħor: f'dan il-kuntest, pereżempju, attività kriminali marbuta mal-ħasil tal-flus tista' tkun frodi, korruzzjoni, it-traffikar tad-droga u reati serji oħrajn.

— il-projbizzjoni speċifika biex id-dejta tiġi pproċessata għal skopijiet kummerċjali, li attwalment hija msemmija fil-Premessa 31 tad-Direttiva proposta u l-Premessa 7 tar-Regolament propost, għandha tiġi stabbilita f'dispożizzjoni sostantiva;

— għandha tiddaħħal premessa ddedikata biex tiċċara li l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa hija mdaħħla biss bħala reati marbutin;

— rigward trasferimenti internazzjonali, għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet sostantivi ddedikati dwar it-trasferimenti ta' dejta personali, li jipprovdi bażi legali xierqa għat-trasferimenti intragrupp/bejn PSP u PSP li jirrispetta t-test u l-interpretazzjoni tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 95/46/KE, kif appoġġjat mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 tal-awtoritajiet Ewropej għall-protezzjoni tad-dejta. Il-KEPD jirrakkomanda li l-proporzjonalità li teħtieġ it-trasferiment tal-massa ta' informazzjoni personali u sensittiva lejn pajjiżi barranin għall-iskop tal-ġlieda kontra AML/TF tiġi evalwata mill-ġdid u li jiġi ffavorit approċċ aktar proporzjonat;

— rigward il-pubblikazzjoni tas-sanzjonijiet, il-KEPD jirrakkomanda li jiġu evalwati għażliet alternattivi u inqas intrużivi għall-obbligu ġenerali tal-pubblikazzjoni u, fi kwalunkwe każ, li jiġi speċifikat fid-Direttiva proposta:

  — l-iskop ta' pubblikazzjoni bħal din jekk kellha tinżamm;

  — id-dejta personali li għandha tiġi ppubblikata;

  — li s-suġġetti tad-dejta għandhom jiġu informati qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni u huma ggarantiti drittijiet biex jappellaw din id-deċiżjoni qabel issir il-pubblikazzjoni;

  — li s-suġġetti tad-dejta għandhom id-dritt li joġġezzjonaw skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46/KE fuq bażijiet leġittimi konvinċenti;

  — limitazzjonijiet addizzjonali relatati mal-pubblikazzjoni online;

— rigward iż-żamma tad-dejta, għandha tiddaħħal dispożizzjoni sostantiva li tistabbilixxi perjodu ta' żamma massimu li jrid jiġi rrispettat mill-Istati Membri, bl-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali.

100. Fir-rigward tad-Direttiva proposta, il-KEPD jirrakkomanda wkoll li:

— tiddaħħal dispożizzjoni speċifika li tfakkar il-prinċipju li s-suġġetti tad-dejta jingħataw informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom (skont l-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 95/46/KE) u li tispeċifika min se jkun responsabbli mill-informazzjoni ta' dawn is-suġġetti tad-dejta;

— jiġi rrispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità meta jiġu llimitati d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta u, bħala konsegwenza, tiġi inserita dispożizzjoni speċifika li tispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom id-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta jistgħu jiġu limitati;

— jiġi ddikjarat b'mod ċar jekk valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa mill-awtorità maħtura u mill-entitajiet obbligati jistgħux jinvolvu l-ipproċessar ta' dejta personali jew le. Jekk iva, id-Direttiva proposta għandha teħtieġ l-introduzzjoni tas-salvagwardji meħtieġa għall-protezzjoni tad-dejta;

— tiddaħħal lista preċiża tal-informazzjoni li għandha jew m'għandhiex titqies fit-twettiq tad-Diliġenza Dovuta mal-Klijent. Jiġi ċċarat jekk id-dejta sensittiva fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46/KE għandhiex tinġabar għal dan l-iskop. Jekk tali pproċessar ikollu jkun meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan isir taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali u li jiġu pprovvduti salvagwardji speċifiċi xierqa skont il-liġi nazzjonali;

— jiġi emendat l-Artikolu 21 biex jillimita b'mod aktar ċar is-sitwazzjonijiet fejn ir-riskji jkunu tant sostanzjali li jiġġustifikaw diliġenza dovuta msaħħa u biex jipprovdi salvagwardji proċedurali kontra l-abbuż;

— jiġi emendat l-Artikolu 42 biex jinkludi referenza għall-kunfidenzjalità, li għandha tiġi rrispettata mill-impjegati kollha involuti fil-proċeduri CDD;

— jiġu elenkati f'dispożizzjoni sostantiva t-tipi ta' dejta ta' identifikazzjoni li għandha tinġabar dwar is-sid benefiċjarju, anke meta ma jkun hemm l-ebda fiduċja involuta.

101. Fir-rigward tar-Regolament propost, il-KEPD jirrakkomanda ulterjorment li:

— ikun hemm trażżin biex ma jintużax in-numru tal-identità nazzjonali bħala referenza mingħajr restrizzjonijiet u/jew salvagwardji speċifiċi, iżda biex minflok jintuża n-numru ta' transazzjoni;

— titfakkar l-importanza tar-rispett tal-prinċipju tal-preċiżjoni tad-dejta, stabbilit fl-Artikolu 6(d) tad-Direttiva 95/46/KE, fil-kuntest ta' proċeduri AML;

— tiżdied dispożizzjoni li tispeċifika li "l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli biss għal persuni jew klassijiet ta' persuni nominati biss";

— tiżdied dispożizzjoni dwar ir-rispett tal-obbligi ta' kunfidenzjalità u tal-protezzjoni tad-dejta mill-impjegati li jittrattaw informazzjoni personali dwar il-pagatur u l-benefiċjarju;

— jiġi ċċarat fl-Artikolu 15 li ebda awtorità jew parti esterna oħra li m'għandhiex interess fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ma jkollha aċċess għad-dejta maħżuna;

— jiġi kkompletat l-Artikolu 21 billi jispeċifika għand liema awtorità għandu jiġi rrappurtat il-ksur tar-Regolament u billi jeħtieġ li l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa jiġu implimentati biex jipproteġu d-dejta kontra qerda aċċidentali jew illegali, telf aċċidentali, tibdil, jew żvelar illegali.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2013.

Giovanni BUTTARELLI

*Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

## Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursuri tad-droga

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni huwa disponibbli bl-EN, FR u DE fuq il-websajt tal-KEPD http://www.edps.europa.eu)*

(2014/C 32/07)

### I. **Introduzzjoni**

I.1. *Kuntest tal-konsultazzjoni mal-KEPD*

1. Fil-21 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni adottat Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursuri tad-droga (minn hawn 'il quddiem: "il-Proposta") ([1]). Il-Proposta ntbagħtet lill-KEPD għall-konsultazzjoni fl-istess jum.

2. Il-Proposta tinkludi t-test tal-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar prekursuri tad-droga (minn hawn 'il quddiem: "il-Ftehim") ([2]). L-Anness II għall-Ftehim fih lista ta' definizzjonijiet u prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta (minn hawn 'il quddiem: "prinċipji ta' protezzjoni tad-dejta") ([3]).

3. Il-KEPD kien ġie kkonsultat qabel mill-Kummissjoni. Din l-Opinjoni tibbaża fuq il-parir ipprovdut dakinhar u fuq l-Opinjoni tal-KEPD dwar l-emendi għar-Regolament dwar il-kummerċ intern u estern tal-UE fil-prekursuri tad-droga ([4]).

I.2. *Għan tal-Ftehim*

4. Il-ftehim għandu l-għan li jkompli jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar il-prevenzjoni ta' diverżjoni mill-kummerċ leġittimu tas-sustanzi użati biex jiġu manifatturati b'mod illeċitu drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi (minn hawn 'il quddiem: "prekursuri tad-droga").

5. Fuq il-bażi tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1988 Kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Drogi u Sustanzi Psikotropiċi (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni tal-1988") ([5]), il-ftehim jippermetti l-koordinazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll tal-kummerċ u għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet (l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Russa), flimkien ma' kooperazzjoni teknika u xjentifika u l-istabbiliment ta' Grupp Konġunt ta' esperti ta' Segwitu.

### IV. **Konklużjonijiet**

35. Il-KEDP jilqa' d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta personali fit-test tal-ftehim u l-inklużjoni fl-Anness tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta li għandhom jiġu rrispettati mill-Partijiet.

36. Il-KEPD jissuġġerixxi li tiġi inkluża referenza espliċita għall-applikabbiltà tal-liġijiet nazzjonali tal-UE li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE għat-trasferimenti ta' dejta personali mill-UE lill-awtoritajiet Russi u għall-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet tal-UE. Huwa jissuġġerixxi wkoll li jiġu inklużi referenzi għall-Artikoli 7 u 8 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

37. Huwa jirrakkomanda wkoll li fl-Artikoli 3(2) u 4(1) u 5(3) jiġu speċifikati l-kategoriji kollha ta' dejta personali li jistgħu jiġu skambjati. Barra minn hekk, salvagwardji addizzjonali, bħal perjodi iqsar ta' żamma u miżuri aktar stretti ta' sigurtà għandhom ikunu inklużi fil-ftehim jew fl-Anness II għad-dejta relatata ma' tranżazzjonijiet suspettużi. Il-finijiet l-oħrajn li għalihom id-dejta tista' tkun ipproċessata skont l-Artikolu 5(3) għandhom ikunu ddikjarati b'mod espliċitu fil-ftehim u għandhom ikunu kompatibbli mal-għan oriġinali li għalih id-dejta tkun ġiet trasferita.

([1]) COM(2013) 4 finali.
([2]) Anness għall-Proposta.
([3]) Anness II għall-Ftehim.
([4]) Opinjoni tal-KEPD tat-18 ta' Jannar 2013 dwar il-Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 273/2004 dwar prekursuri tad-droga u l-Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 jistabblixxi regoli għall-monitoraġġ tal-kummerċ tal-prekursuri tad-droga bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, b'mod partikolari p. 9-10, disponibbli fuq http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2013/13-01-18_Drug_precursors_EN.pdf
([5]) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fid-Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, adottata fi Vjenna fid-19 ta' Diċembru 1988 (*United Nations Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances*), disponibbli fuq http://www.unodc.org/pdf/convention_1988_en.pdf

38. Il-KEPD jilqa' wkoll il-projbizzjoni fuq iż-żamma ta' dejta għal aktar minn kemm meħtieġ fl-Artikolu 5(2) tal-Ftehim, iżda huwa jirrakkomanda li mill-inqas jiġu speċifikati perjodi ta' żamma massimi.

39. Il-KEPD jilqa' l-inklużjoni tal-prinċipji ta' protezzjoni ta' dejta obbligatorja. Madankollu, huwa jirrakkomanda li dawn jitkomplew kif ġej:

— jiżdiedu d-dispożizzjonijiet dwar is-"sigurtà tad-dejta" u r-rekwiżiti speċifiċi għall-ipproċessar ta' "dejta sensittiva";

— jiġu speċifikati l-proċeduri biex isiru effettivi l-prinċipji ta' "trasparenza" u d-"drittijiet tal-aċċess, ir-rettifika, it-tħassir u l-imblukkar ta' dejta" fit-test tal-ftehim jew fl-Anness;

— rigward it-"trasferimenti 'l quddiem", għandu jiżdied li l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet m'għandhomx jittrasferixxu dejta personali lil destinatarji nazzjonali oħrajn sakemm id-destinatarju ma jipprovdix protezzjoni adegwata u għall-finijiet li għalihom id-dejta tkun intbagħtet.

— rigward il-prinċipju ta' "rimedju", għandu jkun speċifikat li t-terminu "awtoritajiet kompetenti", użat fil-bqija tal-ftehim f'kuntest differenti, hawnhekk jirreferi għal awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni ta' dejta personali u għas-sorveljanza tal-ipproċessar tagħha;

— l-awtoritajiet rilevanti u l-informazzjoni prattika dwar ir-rimedji eżistenti għandhom jissemmew fil-ftehim jew għall-inqas f'ittri skambjati bejn il-partijiet jew f'dokumenti li jakkumpanjaw lill-ftehim;

— rigward il-prinċipju dwar "l-eċċezzjonijiet għad-drittjiet tat-trasparenza u l-aċċess dirett": għandu jkun speċifikat li, f'każijiet fejn id-dritt tal-aċċess ma jkunx jista' jingħata lis-suġġetti tad-dejta, għandu jiġu pprovdut l-aċċess indirett mingħand l-awtoritajiet nazzjonali tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta.

41. Għandu jkun speċifikat ukoll li l-awtoritajiet li jissorveljaw il-protezzjoni tad-dejta tal-Partijiet għandhom konġuntament jirrevedu l-implimentazzjoni tal-ftehim, jew fil-kuntest tal-grupp konġunt ta' esperti ta' segwitu, jew bħala proċess separat. Barra minn hekk, jekk l-indipendenza tal-awtorità superviżorja rilevanti Russa ma tkunx stabbilita biżżejjed, għandu jkun speċifikat li l-awtoritajiet nazzjonali tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta għandhom ikunu involuti fis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-ftehim mill-awtoritajiet Russi. Ir-riżultati tar-reviżjoni għandhom ikunu rrapportati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fejn ikun meħtieġ u bir-rispett sħiħ tal-kunfidenzjalità.

42. Il-KEPD jirrakkomanda wkoll li jitkompla l-Artikolu 12 tal-ftehim bi klawsola li tippermetti lil kull Parti tissospendi jew ittemm il-ftehim f'każ ta' ksur tal-obbligi mill-Parti l-oħra taħt il-ftehim, inkluż f'dak li jirrigwarda l-konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2013.

Giovanni BUTTARELLI

*Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

**Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill imsejħa "Tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi fl-UE: il-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni (EIXM)"**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni huwa disponibbli bl-EN, FR u DE fuq il-websajt tal-KEPD http://www.edps.europa.eu)*

(2014/C 32/08)

1. **Introduzzjoni**

1.1. *Konsultazzjoni mal-KEPD*

1. Fis-7 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni msejħa "Tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi fl-UE: il-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni (EIXM)" (minn hawn 'il quddiem: "il-Komunikazzjoni") ([1]). Fl-istess jum il-Kummissjoni adottat rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/JHA tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-reati transkonfinali (id-"Deċiżjoni Prüm") ([2]). Mhumiex sejrin isiru kummenti separati dwar dan ir-rapport f'din l-opinjoni, iżda qed jissemma hawnhekk sabiex il-kuntest jinftiehem aħjar.

2. Qabel l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni, il-KEPD ingħata l-opportunità li jipprovdi kummenti informali. Il-KEPD huwa sodisfatt li xi wħud mill-kummenti tiegħu ġew ikkunsidrati fil-Komunikazzjoni.

1.2. *Sfond u għanijiet tal-Komunikazzjoni*

3. Il-Programm ta' Stokkolma ([3]) għandu l-għan li jilqa' l-isfidi futuri u jkompli jsaħħaħ il-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja b'azzjonijiet li jiffukaw fuq l-interessi u l-ħtiġijiet taċ-ċittadini. Huwa jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni għall-perjodu ta' bejn l-2010 u l-2014 u jiddefinixxi linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operattiv fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja skont l-Artikolu 68 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") ([4]).

4. B'mod partikolari, il-Programm ta' Stokkolma jagħraf il-ħtieġa ta' koerenza u konsolidazzjoni fl-iżvilupp tal-ġestjoni u l-iskambju tal-informazzjoni fil-qasam tas-sigurtà interna tal-UE u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jimplimentaw l-Istrateġija ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni għas-sigurtà interna tal-UE, li tinkludi reġim b'saħħtu għall-protezzjoni tad-dejta. F'dan il-kuntest, il-Programm ta' Stokkolma jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta l-ħtieġa ta' Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni (EIXM) ibbażata fuq l-evalwazzjoni tal-istrumenti attwali fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni fl-UE. Din il-valutazzjoni għandha tgħin sabiex jiġi stabbilit jekk dawn l-istrumenti jiffunzjonawx kif kien maħsub oriġinarjament u jilħqux il-miri tal-Istrateġija għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni ([5]).

5. Wara l-Programm ta' Stokkolma, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni f'Lulju 2010 ([6]) (minn hawn 'il quddiem "Il-Komunikazzjoni tal-2010") li tipprovdi ħarsa ġenerali sħiħa fuq il-miżuri fil-livell tal-UE fis-seħħ, dawk li qegħdin jiġu implimentati u dawk ikkunsidrati, li jirregolaw il-ġbir, il-ħażna jew l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni personali għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u l-ġestjoni tal-migrazzjoni.

6. Bi tweġiba għall-istedina tal-Programm ta' Stokkolma u filwaqt li tibni fuq il-Komunikazzjoni tal-2010, din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li twieżen kif jaħdem l-iskambju ta' informazzjoni transkonfinali fl-UE fil-prattika u li tirrakkomanda titjib possibbli.

3. **Konklużjonijiet**

37. Il-KEPD japprezza l-attenzjoni ġenerali mogħtija lill-protezzjoni tad-dejta fil-Komunikazzjoni li tenfasizza l-ħtieġa li tiġi assigurata kwalità ta' dejta, sigurtà tad-dejta u protezzjoni tad-dejta ta' livell għoli u tfakkar li tkun xi tkun il-kumbinazzjoni jew is-sekwenza użata għall-iskambju tal-informazzjoni, ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta, is-sigurtà tad-dejta u l-kwalità tad-dejta kif ukoll l-għan li għalih jistgħu jintużaw l-istrumenti għandhom ikunu rrispettati.

---

([1]) COM(2012) 735 finali.
([2]) COM(2012) 732 finali
([3]) Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini, Dokument tal-Kunsill 5731/10, 3.3.2010.
([4]) Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, (ĠU C 83, 30.3.2010, p. 47).
([5]) Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini, Dokument tal-Kunsill 5731/10, 3.3.2010, taqsima 4.2.2.
([6]) Komunikazzjoni tal-20 ta' Lulju 2010 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill imsemmija "Ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja", COM(2010) 385 finali.

38. Barra minn hekk il-KEPD:

— jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Komunikazzjoni tikkonkludi li la huma meħtieġa databases ġodda tal-infurzar tal-liġi fil-livell tal-UE u lanqas strumenti ġodda ta' skambju ta' informazzjoni;

— jenfasizza l-ħtieġa għal proċess ta' valutazzjoni sħiħa tal-istrumenti u l-inizjattivi fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, li l-eżitu tagħha għandu jwassal għal politika tal-UE li tkun komprensiva, integrata u strutturata tajjeb dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni u tal-iskambju u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tagħmel valutazzjoni ta' strumenti eżistenti oħrajn;

— iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tirrifletti fuq (i) l-effikaċja tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta fid-dawl tal-bidliet teknoloġiċi, l-iżviluppi marbuta ma' sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-użu dejjem akbar ta' dejta li inizjalment tkun inġabret għal għanijiet li mhumiex marbuta mal-ġlieda kontra l-kriminalità, kif ukoll fuq (ii) l-effikaċja għas-sigurtà pubblika tat-tendenza attwali ta' monitoraġġ mifrux, sistematiku u proattiv ta' individwi mhux suspetti u l-utilità reali tiegħu fil-ġlieda kontra r-reati; l-eżitu ta' dawn ir-riflessjonijiet għandu jwassal għal politika tal-UE komprensiva, integrata u strutturata tajjeb dwar il-ġestjoni tal-informazzjoni u tal-iskambju f'dan il-qasam;

— jenfasizza li d-diskussjonijiet li għaddejjin dwar il-proposta għal Direttiva m'għandhomx iwaqqfu lill-Kummissjoni milli tagħmel inventarju tal-problemi u tar-riskji marbuta mal-protezzjoni tad-dejta, u tat-titjib possibbli fil-kuntest legali attwali, u jirrakkomanda li dawn id-diskussjonijiet jintużaw b'mod partikolari fid-distinzjoni bejn l-ipproċessar ta' dejta ta' persuni suspettati u mhux suspettati għal aktar żvilupp tal-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni;

— jaqbel bis-sħiħ mal-ħtieġa li ssir reviżjoni tal-istrumenti eżistenti sabiex jiġu allinjati mad-Direttiva proposta u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tieħu aktar azzjoni;

— iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tagħmel valutazzjoni tal-istrumenti eżistenti tul u wara l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom;

— jirrakkomanda li l-gwida li l-Kunsill huwa mistieden li jagħti fir-rigward tal-għażla ta' mezz tqis il-konsegwenzi f'termini ta' limitazzjoni u responsabbiltajiet tal-għan;

— iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiġġustifika b'mod aktar ċar l-għażla tal-mezz tal-Europol li juża l-għodod SIENA bħala mezz prestabbilit u sabiex tivvaluta jekk din l-għażla hijiex konformi mal-prinċipju tal-privatezza fid-disinn;

— jinnota b'sodisfazzjoni li l-Komunikazzjoni tfakkar li l-informazzjoni tista' attwalment tiġi skambjata u użata fejn ikun permess mil-liġi, li jinkludi konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tibda taħdem fuq kundizzjonijiet armonizzati għall-Punti ta' Kuntatt Waħdieni, sabiex tassigura li r-rekwiżiti jkunu simili fl-Istati Membri kollha u jipproteġu lill-individwi b'mod effettiv;

— jirrakkomanda li jkun inkluż it-taħriġ dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u l-protezzjoni tad-dejta fl-Iskema prevista mill-Kummissjoni kif ukoll fit-taħriġ li l-Istati Membri huma mistiedna jassiguraw.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2013.

Peter HUSTINX

*Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

**Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposta emendata tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezz ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u s-sehem tagħhom fl-ambitu ta' sistemi tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-EN, FR & DE fuq il-websajt tal-KEPD http://www.edps.europa.eu)*

(2014/C 32/09)

1. **Id-Daħla**

1.1. *Il-konsultazzjoni tal-KEPD*

1. Fit-18 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni adottat proposta emendata dwar id-Direttiva dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezz ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u s-sehem tagħhom fil-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa nazzjonali (id-Direttiva proposta) ([1]). Din il-proposta ntbagħtet lill-KEPD għall-konsultazzjoni fid-19 ta' Marzu 2013.

2. Il-KEPD jilqa' l-fatt li huwa kkonsultat mill-Kummissjoni u li referenza għal din l-Opinjoni ġiet inkluża fil-preambolu tal-istrument. Il-KEPD madankollu jinnota b'dispjaċir li ma kienx ikkonsultat mill-Kummissjoni matul il-preparazzjoni jew għall-anqas wara l-adozzjoni tal-proposta oriġinali mill-1 ta' Marzu 2012 ([2]).

1.2. *L-objettivi u l-ambitu tal-proposta*

3. Fil-memorandum ta' spjegazzjoni għad-Direttiva proposta, il-Kummissjoni tiddikjara li l-Istati Membri huma responsabbli għall-organizzazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa tagħhom u għat-twassil ta' servizzi tas-saħħa u ta' kura medika, inkluża l-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati lilhom. F'dan il-qafas, kull Stat Membru jista' jieħu miżuri biex jamministra l-konsum tal-mediċini, jirregola l-prezzijiet tagħhom jew jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-finanzjament pubbliku tagħhom. Prodott mediċinali awtorizzat skont il-leġiżlazzjoni tal-UE abbażi tal-profil ta' kwalità, ta' sigurtà u ta' effikaċja tiegħu jista' għalhekk ikun suġġett għal rekwiżiti regolatorji addizzjonali fil-livell ta' Stat Membru qabel ma jkun jista' jiġi kkummerċjalizzat jew jitqassam lill-pazjenti bl-iskema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika.

4. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tispjega li d-Direttiva 89/105/KEE ([3]) ġiet adottata sabiex l-operaturi tas-suq ikunu jistgħu jivverifikaw li l-miżuri nazzjonali li jirregolaw l-ipprezzar u r-rimborż tal-mediċini ma jiksrux il-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija. Għal dan l-għan, id-Direttiva 89/105/KEE tistabbilixxi serje ta' rekwiżiti proċedurali li jiżguraw it-trasparenza tal-miżuri ta' pprezzar u ta' rimburżar adottati mill-Istati Membri. Sa mill-adozzjoni ta' din id-direttiva l-kundizzjonijiet tas-suq inbidlu b'mod fundamentali, pereżempju bil-ħolqien ta' mediċini ġeneriċi li jipprovdu verżjonijiet irħas ta' prodotti eżistenti jew bl-iżvilupp ta' prodotti mediċinali dejjem aktar innovattivi (għalkemm ħafna drabi għoljin) ibbażati fuq ir-riċerka. B'mod parallel, iż-żieda kostanti fin-nefqa pubblika fuq il-farmaċewtiċi, fl-aħħar deċennji ħeġġet lill-Istati Membri biex matul iż-żmien ifasslu sistemi aktar kumplessi u innovattivi ta' pprezzar u ta' rimburżar.

5. Il-proposta għal Direttiva li tħassar id-Direttiva 89/105/KEE ġiet adottata mill-Kummissjoni fl-1 ta' Marzu 2012. Il-Kummissjoni tiddikjara li negozjati fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Farmaċewtika u t-Tagħmir Mediku kienu diffiċli, minħabba n-natura politikament sensittiva tal-fajl.

6. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari nhar is-6 ta' Frar 2013. B'riżultat tal-votazzjoni fis-Sessjoni Plenarja u filwaqt li qieset il-pożizzjoni tal-Istati Membri fil-Kunsill, il-Kummissjoni ddeċidiet li temenda l-proposta tagħha billi tadotta d-Direttiva proposta u tikkonsulta lill-KEPD.

([1]) COM(2013) 168 finali/2.

([2]) COM(2012) 84 finali.

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/105/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar it-trasparenza ta' miżuri li jirregolaw il-prezz ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-persuna u s-sehem tagħhom fil-pjan ta' sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa nazzjonali (ĠU L 40, 11.2.1989, p. 8).

1.3. *L-Għanijiet tal-Opinjoni tal-KEPD*

7. Din l-Opinjoni sejra tiffoka fuq l-aspetti li ġejjin tad-Direttiva proposta dwar il-protezzjoni tad-dejta personali: l-applikabbiltà tal-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-dejta, il-pubblikazzjoni tad-dejta personali ta' esperti u l-membri ta' ċerti korpi, l-ipproċessar potenzjali ta' dejta tas-saħħa tal-pazjent permezz tal-aċċess għad-data tal-awtorizzazzjoni tas-suq u l-opportunità proposta għall-ħolqien ta' databases fil-livell tal-UE/Stat Membru.

## 3. **Il-Konklużjonijiet**

Il-KEPD jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

— jiddaħħlu referenzi għal-leġiżlazzjoni applikabbli għall-protezzjoni tad-dejta f'Artikolu sostaniv tad-Direttiva proposta. Tali referenza għandha tipprovdi bħala regola ġenerali li d-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandhom japplikaw għall-ipproċessar ta' dejta personali fil-qafas tad-Direttiva proposta. Barra minn hekk, il-KEPD jissuġġerixxi li r-referenza għad-Direttiva 95/46/KE għandha tispeċifika li d-dispożizzjonijiet sejrin japplikaw skont ir-regoli nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/45/KE;

— issir valutazzjoni tal-ħtieġa tas-sistema proposta fl-Artikolu 16 tad-Direttiva proposta għall-pubblikazzjoni mandatorja ta' ismijiet u d-dikjarazzjonijiet ta' interess ta' esperti, membri tal-korpi deċiżjonali u membri ta' korpi responsabbli għall-proċeduri ta' rimedju u jiġi vverifikat jekk l-obbligu ta' pubblikazzjoni ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' interess ġenerali mfittex, u jekk hemmx miżuri inqas restrittivi sabiex jintlaħaq l-istess objettiv. Suġġett għall-eżitu ta' dan it-test ta' proporzjonalità, l-obbligu tal-pubblikazzjoni għandu fi kwalunkwe każ jiġi appoġġjat minn salvagwardji adegwati sabiex jiġu żgurati r-rispett tad-drittijiet tal-persuni kkonċernati li joġġezzjonaw, is-sigurtà/l-eżattezza tad-dejta u t-tħassir tagħhom wara perjodu adegwat ta' żmien;

— tiddaħħal referenza għall-Artikolu 8 tad-Direttiva 95/46/KE fl-Artiklu 13 tad-Direttiva proposta dwar l-aċċess għad-dejta ta' awtorizzazzjoni tas-suq, jekk id-dejta personali dwar is-saħħa hija maħsuba biex tiġi pproċessata u tiddaħħal dispożizzjoni fid-Direttiva proposta li tiddefinixxi b'mod ċar liema sitwazzjoni u suġġetti għal dak li jħares it-tagħrif li jinkludi dejta tas-saħħa tal-pazjent sejra tiġi pproċessata;

— jiġi inkluż fl-Artikolu 13 tad-Direttiva proposta rekwiżit biex janonimizza b'mod sħiħ kwalunkwe dejta tal-pazjent inkluża fid-dejta tal-awtorizzazzjoni tas-suq qabel din id-data hija trasferita lill-awtorità kompetenti għal kwalunkwe pproċessar ulterjuri għal skopijiet ta' deċiżjonijet dwar l-ipprezzar u r-rimburżar;

— titwettaq valutazzjoni tal-impatt tal-protezzjoni tad-dejta bil-quddiem, qabel issir kwalunwe azzjoni ulterjuri bil-ħsieb tat-tnedija ta' kwalunkwe database ġdida.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2013.

Giovanni BUTTARELLI

*Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

**Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar "Strateġija għaċ-Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Spazju Ċibernetiku Miftuħ, Sikur u Mingħajr Periklu", u dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar miżuri biex jiġi żgurat livell komuni għoli tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni kollha**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jinstab bl-EN, FR u DE fuq il-websajt tal-KEPD http://www.edps.europa.eu)*

(2014/C 32/10)

1. **Introduzzjoni**

1.1. *Konsulatazzjoni tal-KEPD*

1. Fis-7 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà adottaw Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Strateġija ta' Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Spazju Ċibernetiku Miftuħ, Sikur u Bla Periklu" ([1]) (minn hawn 'il quddiem "Il-Kommunikazzjoni Konġunta", "l-Istrateġija dwar iċ-Ċibersigurtà" jew "l-Istrateġija").

2. Fl-istess jum, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri biex jiġi żgurat livell komuni għoli ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni ([2]) kollha (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva proposta" jew "il-Proposta"). Din il-Proposta ntbagħtet lill-KEPD għal konsulatazzjoni fis-7 ta' Frar 2013.

3. Qabel l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta u tal-Proposta, il-KEPD ingħata l-possibbiltà li jagħti kummenti informali lill-Kummissjoni. Huwa jinsab kuntent li xi whud mill-kummenti tiegħu ġew ikkunsidrati fil-Komunikazzjoni Konġunta u fil-Proposta.

4. **Konklużjonijiet**

74. Il-KEPD jinsab kuntent li l-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ressqu Strateġija komprensiva dwar iċ-Ċibersigurtà kkumplimentata minn proposta għal Direttiva dwar il-miżuri biex jiġi żgurat livell komuni għoli ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni (NIS) fl-UE kollha. L-Istrateġija tikkumplimenta l-azzjonijiet ta' politika li diġà ġew żviluppati mill-UE fil-qasam tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni.

75. Il-KEPD jinsab kuntent li l-Istrateġija tmur lil hinn mill-approċċ tradizzjonali fejn is-sigurtà tmur kontra l-privatezza billi jiġi previst l-għarfien espliċitu tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta bħala valuri ewlenin li għandhom jiggwidaw il-politika dwar iċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE u dak internazzjonali. Il-KEPD jinnota li l-Istrateġija ta' Ċibersigurtà u d-Direttiva proposta dwar in-NIS jista' jkollhom rwol fundamentali biex tikkontribwixxi għall-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-individiwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta fl-ambjent online. Fl-istess ħin, għandu jiġi żgurat li dawn ma jwasslux għal miżuri li jikkostitwixxu interferenzi illegali fid-drittijiet tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni d-dejta.

76. Il-KEPD jilqa' wkoll bi pjaċir il-fatt li l-protezzjoni tad-dejta tissemma f'diversi partijiet tal-Istrateġija u titqies ukoll fid-Direttiva proposta dwar l-NIS. Madankollu, huwa jiddispjaċih li l-Istrateġija u d-Direttiva proposta ma jenfassizzawx b'mod aħjar il-kontribut tal-liġi eżistenti u futura dwar il-protezzjoni tad-dejta għas-sigurtà, u jonqsu milli jassiguraw b'mod sħiħ li kwalunkwe obbligu li jirriżulta mid-Direttiva proposta jew elementi oħra tal-Istrateġija jikkumplimenta l-obbligi ta' protezzjoni tad-dejta u li dawn la jidħlu fuq xulxin u lanqas ma jmorru kontra xulxin.

77. Barra minn hekk, il-KEPD jinnota li billi naqset li tikkunsidra bis-sħuħ inizjattivi paralleli oħrajn tal-Kummissjoni u l-proċeduri leġiżlattivi li jinsabu għaddejjin, bħar-Riforma tal-Protezzjoni tad-Dejta u r-Regolament propost dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji, l-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tonqos milli tagħti perspettiva verament komprensiva u olistika taċ-ċibersigurtà fl-UE, u minħabba f'hekk

([1]) JOIN(2013) 1 finali.
([2]) COM(2013) 48 finali.

hemm riskju li jinħoloq approċċ frammentat u kompartimentalizzat. Il-KEPD jinnota wkoll li d-Direttiva proposta dwar l-NIS għadha ma tippermettix approċċ komprensiv tas-sigurtà fl-UE lanqas, u li l-obbligu stabbilit minn qabel fil-liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta huwa probabbilment l-obbligu l-aktar komprensiv għan-netwerks u s-sigurtà skont il-liġi tal-UE

78. Il-KEPD jiddispjaċih ukoll li r-rwol importanti tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-obbligi tas-sigurtà u fit-tisħiħ taċ-ċibersigurtà lanqas ma huwa kkunsidrat b'mod xieraq.

79. Bħal fil-każ tal-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà, il-KEPD jenfasizza li:

— Definizzjoni ċara tat-termini "ċiberreżistenza", "ċiberkriminalità" u "ċiberdifiża" huma partikolarment importanti peress li dawn it-termini jintużaw bħala ġustifikazzjoni għal ċerti miżuri speċjali li jistgħu jikkawżaw interferenza fid-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Madankollu, id-definizzjonijiet ta' "ċiberkriminalità" mogħtija fl-Istrateġija u fil-Konvenjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità jibqgħu vagi ħafna. Ikun rakkomandabbli li jkun hemm definizzjoni ċara u *restrittiva* taċ-"ċiberkriminalità" aktar milli waħda vaga ħafna;

— Għandha tapplika liġi dwar il-protezzjoni tad-dejta għall-azzjonijiet kollha tal-Istrateġija kull meta dawn ikunu jikkonċernaw miżuri li jinvolvu l-ipproċessar tad-dejta personali. Għalkemm il-liġi tal-protezzjoni tad-dejta ma tissemmiex speċifikament fit-taqsimiet relatati maċ-ċiberkriminalità u ċ-ċiberdifiża, il-KEPD jenfasizza li ħafna mill-azzjonijiet ippjanati f'dawn l-oqsma jinvolvu l-ipproċessar tad-dejta personali u għalhekk jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta. Huwa jinnota wkoll li ħafna azzjonijiet jikkonsistu fl-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni, li sejrin jeħtieġu l-implimentazzjoni ta' salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-dejta dwar il-modalitajiet għall-iskambju tad-dejta personali;

— L-Awtoritajiet tal-Protezzjoni tad-Dejta (DPAs) għandhom rwol importanti fil-kuntest taċ-Ċibersigurtà. Bħala għassiesa tad-drittijiet tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta tal-individwi, id-DPAs huma impenjati b'mod attiv fil-protezzjoni tad-dejta personali tagħhom, kemm fuq l-internet kif ukoll fid-dinja reali. Għalhekk dawn għandhom ikunu involuti b'mod xieraq fil-kapaċità tagħhom ta' korpi superviżorji fir-rigward ta' miżuri ta' implimentazzjoni li jinvolvu l-ipproċessar tad-dejta personali (bħat-tnedija tal-proġett pilota tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-botnets u l-malware). Atturi oħra fil-qasam taċ-ċibersigurtà għandhom ukoll jikkooperaw magħhom fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, pereżempju fl-iskambju tal-aħjar prattiki u l-azzjonijiet ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni. Il-KEPD u d-DPAs nazzjonali għandhom ikunu involuti b'mod xieraq fil-konferenzi ta' livell għoli li sejrin jiġu organizzati fl-2014 biex jiġi vvalutat il-progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija.

80. Fir-rigward tad-Direttiva proposta dwar l-NIS, il-KEPD jagħti parir lil-leġiżlaturi biex:

— Jipprovdu aktar ċarezza u ċertezza fl-Artikolu 3(8) dwar id-definizzjoni tal-operaturi tas-suq li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta, u biex tiġi stabbilita lista eżawrjenti li tinkludi l-partijiet interessati rilevanti kollha, bil-ħsieb li jiġi żgurat approċċ armonizzat u integrat bi sħiħ għas-sigurtà fl-UE;

— Fl-Artikolu 1(2)(c) jiċċaraw li d-Direttiva proposta tapplika għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, u biex tiġi inkluża referenza għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 fl-Artikolu 1(5) tal-Proposta;

— Jirrikonoxxu rwol aktar orizzontali għal din il-Proposta fir-rigward tas-sigurtà, billi fl-Artikolu 1 espliċitament jipprevedu li din għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal regoli eżistenti jew futuri aktar iddettaljati f'oqsma speċifiċi (bħal dawk li għandhom jiġu stabbiliti dwar il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji fir-Regolament propost dwar l-identifikazzjoni elettronika);

— Iżidu premessa li tispjega l-ħtieġa li tiġi inkorporata l-protezzjoni tad-dejta b'mod iddisinnjat jew prestabbilit mill-istadju bikri tad-disinn tal-mekkaniżmi stabbiliti fil-Proposta u matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-proċessi, il-proċeduri, l-organizzazzjonijiet, it-tekniki u l-infrastrutturi involuti, filwaqt li jitqies ir-Regolament propost dwar il-Protezzjoni tad-Dejta;

— Jiċċaraw id-definizzjonijiet ta' "sistema tan-netwerks u l-informazzjoni" fl-Artikolu 3(1) u ta' "inċident" fl-Artikolu 3(4), u fl-Artikolu 5(2) jissostitwixxu l-obbligu li jiġi stabbilit "pjan ta' valutazzjoni tar-riskju" b'"jitwaqqaf u jinżamm qafas ta' ġestjoni tar-riskju";

— Fl-Artikolu 1(6) jispeċifikaw li l-ipproċessar tad-dejta personali jkun iġġustifikat skont l-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46/KE sal-punt meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali segwiti mid-Direttiva proposta. Madankollu, għandu jiġi żgurat li jiġu rispettati b'mod xieraq il-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità, biex b'hekk tiġi pproċessata biss id-dejta strettament meħtieġa għall-iskop li jrid jintlaħaq;

— Fl-Artikolu 14 jistabbilixxu ċ-ċirkostanzi meta hija meħtieġa notifika kif ukoll il-kontenut u l-format tan-notifika, inklużi t-tipi ta' dejta personali li għandhom jiġu nnotifikati u jekk għandhomx jiġu nnotifikati jew le, u sa liema punt, in-notifika u d-dokumenti ta' sostenn tagħha sejrin jinkludu d-dettalji tad-dejta personali affettwata minn inċident speċifiku tas-sigurtà (bħall-indirizzi IP). Għandu jitqies il-fatt li l-aworitajiet kompetenti tal-NIS għandhom jitħallew jiġbru u jipproċessaw id-dejta personali fil-qafas ta' inċident tas-sigurtà biss meta dan ikun strettament meħtieġ. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll salvagwardji xierqa mressqa fil-Proposta biex tiġi żgurata l-protezzjoni xierqa tad-dejta pproċessata mill-awtoritajiet kompetenti tal-NIS;

— Fl-Artikolu 14 jiċċaraw li n-notifiki ta' inċidenti skont l-Artikolu 14(2) għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' notifika ta' ksur tad-dejta personali skont il-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta. L-aspetti ewlenin tal-proċedura għall-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-NIS mad-DPAs f'każijiet fejn l-inċident tas-sigurtà jinvolvi ksur ta' dejta personali għandhom jiġu stabbiliti minn qabel fil-Proposta;

— Jemendaw l-Artikolu 14(8) b'tali mod li l-esklużjoni ta' mikrointrapriżi mill-kamp ta' applikazzjoni tan-notifika ma tapplikax għal dawk l-operaturi li għandhom rwol kruċjali fil-forniment ta' servizzi tas-soċjetà, pereżempju fid-dawl tan-natura tal-informazzjoni li jipproċessaw (eż. dejta bijometrika jew dejta sensittiva);

— Iżidu dispożizzjonijiet fil-Proposta li tirregola l-iskambju ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti tal-NIS ma' riċevituri oħra, biex jiġi żgurat li (i) id-dejta personali tiġi żvelata biss lir-riċevituri li l-ipproċessar tagħhom ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom skont bażi legali xierqa u (ii) li tali informazzjoni tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħhom. Għandu jitqies ukoll kif l-entitajiet li jipprovdu dejta lin-netwerk ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni jiżguraw konformità mal-prinċipju ta' limitazzjoni tal-iskop;

— Jispeċifikaw il-limitu ta' żmien għaż-żamma tad-dejta personali għall-finijiet stabbiliti fid-Direttiva proposta, b'mod partikolari fir-rigward taż-żamma mill-awtoritajiet kompetenti tan-NIS u fi ħdan l-infrastruttura sikura tan-netwerk ta' kooperazzjoni;

— Ifakkru lill-awtoritajiet kompetenti tan-NIS dwar l-obbligu tagħhom li jipprovdu tagħrif xieraq lis-suġġetti tad-dejta dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, pereżempju bil-pubblikazzjoni ta' politika ta' privatezza fuq il-websajt tagħhom;

— Iżidu dispożizzjoni dwar il-livell ta' sigurtà li għandu jiġi osservat mill-awtoritajiet kompetenti tan-NIS fir-rigward tal-informazzjoni miġbura, ipproċessata, u skambjata. Għandha tiġi inkluża b'mod speċifiku referenza għar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46/KE fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti tal-NIS;

— Fl-Artikolu 9(2) jiċċaraw li l-kriterji għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fis-sistema sikura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni għandhom jiżguraw li jiġi ggarantit livell għoli ta' sigurtà u reżistenza mill-parteċipanti kollha fis-sistemi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni f'kull pass tal-ipproċessar. Dawn il-kriterji għandhom jinkludu kunfidenzjalità xierqa u miżuri ta' sigurtà skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Il-Kummissjoni għandha tkun espressament marbuta b'dawn il-kriterji għall-parteċipazzjoni tagħha bħala kontrollur fis-sistema sikura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni;

— Fl-Artikolu 9 iżidu deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fit-twaqqif, l-operazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema sikura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni, u jipprevedu li d-disinn tas-sistema jsir skont il-prinċipji ta' protezzjoni tad-dejta b'mod iddisinnjat jew prestabbilit u b'sigurtà bid-disinn; u

— Fl-Artikolu 13 iżidu li kwalunkwe trasferiment ta' dejta personali lil riċevituri li jinsabu f'pajjiżi barra l-UE għandu jsir skont l-Artikoli 25 u 26 tad-Direttiva 95/46/KE u l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2013.

Peter HUSTINX

*Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

**Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (riformulazzjoni) u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni huwa disponibbli bl-EN, FR u DE fis-sit tal-KEPD http://www.edps.europa.eu)*

(2014/C 32/11)

## 1. **Introduzzjoni**

### 1.1. *Konsultazzjoni tal-KEPD*

1. Fis-27 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni adottat żewġ Proposti leġiżlattivi fil-qasam tat-trade marks: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (riformulazzjoni) ([1]) u Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja ([2]) (minn hawn 'il quddiem flimkien imsejħa "il-Proposti"). Dawn il-Proposti ntbagħtu lill-KEPD fl-istess jum.

2. Il-KEPD jinnota li l-għan ewlieni ta' dawn il-Proposti huwa li jarmonizza aktar l-aspetti kollha tal-liġi sostantiva tat-trade marks kif ukoll tar-regoli proċedurali fi ħdan l-UE. Għalkemm mal-ewwel daqqa t'għajn jista' jidher li dawn il-Proposti ma jħallu ebda konsegwenza sostanzjali għall-protezzjoni tad-dejta, huwa madankollu jinnota li ż-żewġ strumenti jistabbilixxu xi operazzjonijiet ta' pproċessar, li jista' jkollhom impatt fuq id-dritt tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta. Għalhekk, il-KEPD jiddispjaċih li ma ġiex ikkonsultat informalment qabel l-adozzjoni ta' dawn il-Proposti.

3. Skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-KEPD jixtieq jenfasizza hawn taħt xi kwistjonijiet speċifiċi li l-Proposti jqajmu mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-dejta. Il-KEPD jirrakkomanda li fil-preambolu tal-Proposti ssir referenza għall-konsultazzjoni tal-KEPD.

### 1.2. *Sfond ġenerali*

4. Id-Direttiva Proposta għandha l-għan li tarmonizza aktar ir-regoli sostantivi dwar it-trade marks fl-UE – inklużi kjarifiki dwar id-drittijiet mogħtija minn trade mark u r-regoli applikabbli għall-marki kollettivi – kif ukoll aspetti proċedurali bħal reġistrazzjoni, ħlasijiet, u proċeduri dwar oppożizzjoni, revoka jew dikjarazzjoni ta' invalidità ta' trade mark. Tipproponi wkoll dispożizzjonijiet li jtejbu l-koperazzjoni amministrattiva ta' uffiċċji ċentrali nazzjonali tal-proprjetà industrijali bejniethom u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Marki Kummerċjali u d-Disinji (l-Artikoli 52 u 53).

5. Ir-Regolament propost jemenda l-qafas legali attwali applikabbli għal trade mark Komunitarja stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 207/2009. L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI) ingħata l-isem ġdid "Aġenzija Ewropea għat-Trade Marks u d-Disinji" ("l-Aġenzija"). Ir-Regolament propost jikkjarifika r-regoli sostantivi u proċedurali li japplikaw għat-trade mark Ewropea. Dan jipprevedi l-ħolqien ta' Reġistru u ta' bażi elettronika ta' dejta mill-Aġenzija (Artikolu 87). Huwa jikkjarifika wkoll ir-rwol u l-kompiti tal-Aġenzija, b'mod partikolari fir-rigward tal-koperazzjoni tagħha mal-uffiċċji ċentrali nazzjonali tal-proprjetà industrijali fl-UE (Artikolu 123).

## 3. **Konklużjonijiet**

27. Għalkemm dawn il-Proposti jittrattaw l-armonizzazzjoni tal-liġi sostantiva dwar it-trade marks kif ukoll regoli proċedurali fi ħdan l-UE u, mal-ewwel daqqa t'għajn, ma jidhirx li għandhom konsegwenzi sostanzjali għall-protezzjoni tad-dejta, madankollu huma jistabbilixxu xi operazzjonijiet ta' pproċessar li jista' jkollhom impatt fuq id-drittijiet tal-individwi għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta.

28. Il-KEPD jenfasizza li l-ġbir u l-ipproċessar ta' dejta personali mill-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri u l-Aġenzija fl-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħhom għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġi applikabbli għall-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari mal-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE u r-Regolament (KE) Nru 45/2001.

---

([1]) COM(2013) 162 finali.

([2]) COM(2013) 161 finali.

29. Dwar id-Direttiva proposta, il-KEPD jirrakkomanda li:

— tiddaħħal dispożizzjoni sostantiva li tenfasizza l-ħtieġa għal kwalunkwe pproċessar ta' dejta personali mwettaq mill-uffiċċji nazzjonali tal-proprjetà industrijali li tirrispetta l-liġi applikabbli għall-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari l-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 95/46/KE, u tiżdied referenza għar-Regolament Ġenerali għall-Protezzjoni tad-Dejta propost fi premessa;

— jiġi enfasizzat f'dispożizzjoni sostantiva li kwalunkwe pproċessar ta' dejta personali mill-Aġenzija fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn l-uffiċċji nazzjonali u l-Aġenzija huwa soġġett għal konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001;

— jiġi kkjarifikat f'dispożizzjoni sostantiva jekk il-bażijiet ta' dejta komuni jew konnessi u portali ppjanati taħt l-Artikolu 52 u l-premessa 37 jinvolvux l-ipproċessar ta' dejta personali kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni u l-għan(ijiet) tagħhom, b'mod partikolari jekk dawn iġibux għanijiet addizzjonali minn dawk oriġinali ta' kull bażi ta' dejta u portal, u jekk iva, x'inhi l-bażi legali għal dawn l-għanijiet addizzjonali;

— jiġu stabbiliti b'mod ċar f'dispożizzjoni sostantiva l-modalitajiet għall-iskambji ta' informazzjoni permezz ta' bażijiet ta' dejta komuni jew konnessi u portali, b'mod partikolari billi jiġu stabbiliti r-reċipjenti awtorizzati ta' dejta personali, it-tipi ta' dejta, l-għan ta' dawn l-iskambji, u t-tul ta' żmien taż-żamma tad-dejta f'dawk is-sistemi tal-IT.

30. Dwar ir-Regolament Propost, il-KEPD jirrakkomanda li:

— jiġu stabbiliti l-modalitajiet għall-ipproċessar ta' dejta personali fir-Reġistru u l-bażi ta' dejta elettronika f'dispożizzjoni sostantiva tal-Proposta u mhux f'atti ddelegati;

— tiddaħħal dispożizzjoni sostantiva li tispeċifika t-tipi ta' dejta personali li għandhom jiġu pproċessati fir-Reġistru u fil-bażi ta' dejta elettronika, l-għan tal-ipproċessar tagħhom, il-kategoriji ta' reċipjenti li huma awtorizzati jaċċessaw id-dejta (bl-ispeċifikazzjoni ta' liema dejta), il-limitu/i ta' żmien għaż-żamma tad-dejta, u l-modalitajiet għall-informazzjoni u l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta;

— jiġi kjarifikat fl-Artikolu 123c jekk l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-Aġenzija u l-uffiċċji nazzjonali jkunux jinkludu jew le dejta personali, u jekk iva, liema. Għandu jiġi speċifikat ukoll (i) li l-iskambji ta' dejta personali bejn l-Aġenzija u l-uffiċċji nazzjonali għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġi applikabbli għall-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar l-ipproċessar mill-Aġenzija u d-Direttiva 95/46/KE dwar l-ipproċessar mill-uffiċċji nazzjonali, (ii) l-għan ta' dawn l-iskambji, b'mod partikolari jekk dawn iġibux magħhom għanijiet addizzjonali minn dawk oriġinali ta' kull bażi ta' dejta u portal, u jekk iva, x'inhi l-bażi legali għal dawn l-għanijiet addizzjonali, u (iii) it-tipi ta' dejta skambjati, ir-riċevituri awtorizzati tad-dejta, u t-tul ta' żmien taż-żamma tad-dejta f'dawn is-sistemi tal-IT;

— jiġu vvalutati l-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' divulgazzjoni ta' dejta personali fil-kuntest tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni li tinsab fil-bażi ta' dejta elettronika. Jekk hija l-intenzjoni tal-leġiżlaturi li jipprevedu l-pubblikazzjoni ta' dejta personali għal għanijiet ivvalutati b'attenzjoni, il-KEPD jirrakkomanda li fir-Regolament propost jiġu inklużi dispożizzjonijiet espliċiti f'dan ir-rigward. Bħala minimu, dispożizzjoni sostantiva għandha tikkjarifika x'tip ta' dejta personali tista' ssir pubblika u għal liema għan(ijiet);

— jiġi kkjarifikat f'dispożizzjoni sostantiva jekk il-mezzi ta' kooperazzjoni jkunux jinkludu jew le l-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet tal-qorti dwar it-trade marks. Jekk iva, din id-dispożizzjoni sostantiva għandha tiddefinixxi l-kondizzjonijiet skont liema tista' sseħħ il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti. F'dan ir-rigward, il-KEPD jirrakkomanda li l-pubblikazzjoni tas-sentenzi fuq l-internet mill-Aġenzija u/jew l-uffiċċji ċentrali nazzjonali tal-proprjetà industrijali għandha sseħħ bil-kondizzjoni li l-indiċjar tas-sentenzi (u d-dejta personali li tinsab fihom) fuq magni tat-tiftix tal-internet esterni jkun teknikament ipprojbit jew inkella li jiġi kkunsidrat jekk il-pubblikazzjoni għandhiex issir fuq bażi anonima.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2013.

Giovanni BUTTARELLI

*Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

**Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-Proposti għal Regolament li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul u Ħruġ (EES) u Regolament li jistabbilixxi Programm tal-Vjaġġatur Irreġistrat (RTP)**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni huwa disponibbli bl-EN, FR & DE fis-sit tal-KEPD http://www.edps.europa.eu)*

(2014/C 32/12)

## I. **Introduzzjoni**

### I.1. *Konsultazzjoni tal-KEPD*

1. Fit-28 ta' Frar 2013 il-Kummissjoni adottat il-proposti li ġejjin (minn hawn 'il quddiem "il-proposti"):

— Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul u Ħruġ (EES) għar-reġistrazzjoni ta' dejta tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: "il-proposta EES") ([1]);

— Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Programm ta' Vjaġġaturi Reġistrati (RTP) (minn hawn 'il quddiem: "il-proposta RTP") ([2]);

— Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 fir-rigward tal-użu tas-Sistema ta' Dħul u Ħruġ (EES) u l-Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati (RTP) (minn hawn 'il quddiem: "il-proposta emendatorja") ([3]).

2. Fl-istess jum, il-proposti ntbagħtu lill-KEPD għal konsultazzjoni. Il-KEPD kien ingħata l-opportunità li jipprovdi kummenti informali lill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tal-proposti.

3. Il-KEPD jilqa' r-referenza għall-konsultazzjoni tal-KEPD, li ġiet inkluża fil-Preambolu kemm tal-proposta EES kif ukoll tal-proposta RTP.

### I.2. *Sfond*

4. Il-Komunikazzjoni tal-2008 mill-Kummissjoni "It-Tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea" ssuġġeriet għodod ġodda għall-ġestjoni futura tal-fruntieri Ewropej, inkluż sistema ta' dħul u ħruġ (minn hawn 'il quddiem "EES") għar-reġistrazzjoni elettronika tad-dati tad-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u programm ta' vjaġġaturi rreġistrati biex jiffaċilita l-qsim tal-fruntieri għal vjaġġaturi in bona fede (minn hawn 'il quddiem "RTP"). Hija kkunsidrat ukoll l-introduzzjoni ta' Sistema Elettronika għall-Awtorizzazzjoni tal-Ivvjaġġar (ESTA) għal ċittadini minn pajjiżi terzi eżentati mill-viża.

5. Dawn il-proposti ġew approvati mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2009 fil-Programm ta' Stokkolma ([4]). Madankollu, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2011 dwar il-fruntieri intelliġenti, il-Kummissjoni ([5]) kkunsidrat li l-istabbiliment ta' ESTA għandu jitwarrab għalissa billi "l-kontribut potenzjali għat-titjib tas-sigurtà tal-Istati Membri la jiġġustifika l-ġbir ta' dejta personali fuq skala bħal din u lanqas l-ispiża finanzjarja u l-impatt fuq ir-relazzjonijiet internazzjonali." ([6]) Hija ħabbret ukoll li kellha l-intenzjoni li tippreżenta proposti għal EES u RTP fl-ewwel nofs tal-2012.

6. Sussegwentement, il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2011 talab li l-ħidma fuq il-"fruntieri intelliġenti" tingħata malajr spinta 'l quddiem u talab għall-introduzzjoni tal-EES u l-RTP ([7]).

([1]) COM(2013) 95 finali.
([2]) COM(2013) 97 finali.
([3]) COM(2013) 96 finali.
([4]) "Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini" (ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1).
([5]) Komunikazzjoni tal-25 ta' Ottubru 2011 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Fruntieri intelliġenti – alternattivi u t-triq 'il quddiem" (COM (2011) 680 finali).
([6]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-fruntieri intelliġenti, iċċitata hawn fuq, p. 7.
([7]) EUCO 23/11.

7. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 kkummenta dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar fruntieri intelliġenti, li ppreċediet il-Proposti, f'ittra lill-Kummissarju Malmström tat-12 ta' Ġunju 2012 ([1]). Aktar reċentement, fis-6 ta' Ġunju 2013, il-Grupp ta' Ħidma adotta opinjoni li staqsiet dwar il-bżonn ta' Pakkett dwar il-Fruntieri Intelliġenti ([2]).

8. L-Opinjoni preżenti tibni fuq dawn il-pożizzjonijiet, kif ukoll fuq Opinjoni preċedenti tal-KEPD ([3]) dwar il-Komunikazzjoni tal-2011 tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni ([4]) u fuq il-kummenti Preliminari tal-KEPD ([5]) dwar tliet Komunikazzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-fruntieri (2008) ([6]). Hija tagħmel ukoll użu mill-kontribut mogħti waqt il-Konsultazzjonijiet tal-KEPD dwar il-pakkett dwar il-fruntieri Intelliġenti u implikazzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta ([7]).

I.3. *L-Għan tal-Proposti*

9. L-Artikolu 4 tal-proposta EES jispeċifika l-iskop tagħha. Il-proposta timmira li ttejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, l-implimentazzjoni tal-politika integrata għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-koperazzjoni u l-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-fruntieri u l-immigrazzjoni. Hija tipprevedi sistema li:

(a) ttejjeb il-kontrolli fil-punti ta' qsim tal-fruntieri esterni u tikkumbatti l-immigrazzjoni irregolari;

(b) tikkalkula u timmonitorja l-kalkolu tat-tul ta' permanenza awtorizzata ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ammessi għal permanenza qasira;

(c) tgħin fl-identifikazzjoni ta' kwalunkwe persuna li ma tissodisfax, jew ma tistax tissodisfa aktar, il-kondizzjonijiet biex tidħol, jew toqgħod fit-territorju tal-Istati Membri;

(d) tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li jidentifikaw persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta u jieħdu miżuri xierqa;

(e) tiġbor statistika dwar id-dħul u l-ħruġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' analiżi.

10. Is-sistema għandha tgħin fil-monitoraġġ tal-permanenza awtorizzata billi tipprovdi informazzjoni malajr u preċiża lill-gwardji tal-fruntiera u lill-vjaġġaturi. Hija tkun tissostitwixxi s-sistema attwali ta' timbrar manwali tal-passaporti, meqjusa bħala waħda bil-mod u inaffidabbli, u ttejjeb l-effiċjenza tal-ġestjoni tal-fruntieri ([8]).

11. Għandha tassisti wkoll, permezz tal-ħażna tal-bijometrika, fl-identifikazzjoni ta' persuni li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet biex jidħlu, jew joqogħdu fl-UE, speċjalment fin-nuqqas ta' dokumenti ta' identifikazzjoni. Barra minn hekk, l-EES tkun tipprovdi stampa preċiża tal-flussi tal-ivvjaġġar u tal-għadd ta' persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta, u tippermetti tfassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza, pereżempju dwar l-obbligi tal-viża. L-istatistika msemmija fl-Artikolu 4 tintuża għal dan l-aħħar għan.

([1]) Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, stabbilit skont id-Direttiva 95/46/KE, huwa magħmul minn rappreżentant ta' kull awtorità nazzjonali għall-protezzjoni tad-dejta, il-KEPD u rappreżentant tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa għandu status konsultattiv u jaġixxi indipendentement. L-ittra tat-12 ta' Ġunju 2012 tal-Grupp ta' Ħidma lis-Sinjura Cecilia Malmström dwar il-fruntieri intelliġenti hija disponibbli fuq http://ec.europa.eu/justice/data-protection/article-29/documentation/other-document/files/2012/20120612_letter_to_malmstrom_smart-borders_en.pdf

([2]) Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, Opinjoni 05/2013 dwar il-Fruntieri Intelliġenti. http://ec.europa.eu/justice/data-protection/article-29/documentation/opinion-recommendation/files/2013/wp206_en.pdf

([3]) Opinjoni tal-KEPD tas-7 ta' Lulju 2011, disponibbli fuq http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Opinions/2011/11-07-07_Migration_EN.pdf

([4]) Komunikazzjoni tal-4 ta' Mejju 2011 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-migrazzjoni (COM (2011) 248/3).

([5]) Kummenti Preliminari tal-KEPD tat-3 ta' Marzu 2008, disponibbli fuq http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/Consultation/Comments/2008/08-03-03_Comments_border_package_EN.pdf

([6]) Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea" (COM (2008) 69 finali); "Eżaminazzjoni dwar il-ħolqien ta' Sistema Ewropea ta' Sorveljanza għall-Fruntieri (EUROSUR)" (COM (2008) 68 finali) u "Rapport dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp futur tal-Aġenzija FRONTEX", COM (2008) 67 finali.

([7]) Konsultazzjonijiet tal-KEPD dwar il-pakkett tal-fruntieri Intelliġenti u implikazzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta, Brussell, 10 ta' April 2013, Post: EDPS Building, Rue Montoyer 30, Brussells. Ara s-sommarju fuq: http://www.edps.europa.eu/EDPSWEB/webdav/site/mySite/shared/Documents/EDPS/PressNews/Events/2013/13-04-10_Summary_smart_borders_final_EN.pdf

([8]) Ara l-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta EES.

12. L-EES tkun il-bażi għall-RTP, immirata biex tiffaċilita l-qsim tal-fruntieri lil vjaġġaturi frekwenti ta' pajjiżi terzi li jkunu għaddew minn skrutinju. Il-vjaġġaturi rreġistrati jkollhom *token* b'identifikatur uniku biex mal-wasla u mat-tluq fil-fruntiera jintmess mal-passaġġ awtomatizzat. Id-dejta tat-*token*, il-marki tas-swaba' u, jekk applikabbli, in-numru tal-istiker tal-viża jkunu mqabbla ma' dawk maħżuna fil-Repożitorju Ċentrali u f'bażijiet oħra ta' dejta. Jekk il-kontrolli kollha jkunu ta' suċċess, il-vjaġġatur ikun jista' jaqsam il-passaġġ awtomatizzat. Inkella, il-vjaġġatur ikun megħjun minn gwardja tal-fruntiera.

13. Finalment, il-proposta emendatorja għandha l-objettiv li jiġi akkomodat ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (minn hawn 'il quddiem: "il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen") għall-proposti ġodda tal-EES u l-RTP.

I.4. *Kuntest u Struttura tal-Opinjoni preżenti*

14. Il-proġett biex tiġi żviluppata sistema elettronika li tikkontrolla d-dħul u l-ħruġ fit-territorju tal-UE mhix xi ħaġa ġdida, u bosta Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq wittew it-triq għall-proposti li issa qegħdin jiġu analizzati. Huwa għalhekk fil-perspettiva ta' dawn l-iżviluppi li l-pakkett dwar il-fruntieri intelliġenti għandu jiġi vvalutat. B'mod partikolari, jeħtieġ li jittieħdu in kunsiderazzjoni l-elementi li ġejjin.

15. Fil-Programm ta' Stokkolma, il-Kummissjoni ħadet l-approċċ strateġiku li tivvaluta l-ħtieġa għall-iżvilupp ta' Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni bbażat fuq l-evalwazzjoni tal-istrumenti attwali. Dan għandu jkun ibbażat, fost oħrajn, fuq reġim b'saħħtu għall-protezzjoni tad-dejta, fuq skema ta' ġbir tad-dejta mmirata tajjeb, u fuq razzjonalizzazzjoni tal-għodod differenti, inkluż l-adozzjoni ta' pjan ta' negozju għal sistemi kbar tat-Teknoloġija tal-Informatika. Il-Programm ta' Stokkolma jfakkar il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza tal-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-għodod differenti ta' informazzjoni mal-istrateġija għall-protezzjoni tad-dejta personali u l-pjan tan-negozju għall-istabbiliment ta' sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika fuq skala kbira ([1]).

16. L-analiżi komprensiva hija aktar meħtieġa meta wieħed jikkunsidra l-eżistenza u l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni ta' sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika fuq skala kbira, bħall-Eurodac ([2]), VIS ([3]) u SIS II ([4]). L-iskema ta' fruntieri intelliġenti hija għodda addizzjonali biex tiġbor l-ammonti massivi ta' dejta personali fil-perspettiva ta' kontroll tal-fruntieri. Dan l-approċċ globali ġie kkonfermat reċentement mill-Kunsill ĠAI li enfasizza l-ħtieġa għat-tagħlim mill-esperjenza ta' SIS b'referenza b'mod partikolari għall-eskalazzjoni tal-ispejjeż. ([5]) Il-KEPD ikkummenta wkoll li 'l-mudell Ewropew ta' informazzjoni ma jistax jiġi interpretat abbażi ta' konsiderazzjonijiet tekniċi', fid-dawl tal-opportunitajiet kważi llimitati offruti mit-teknoloġiji ġodda. L-informazzjoni għandha tiġi pproċessata biss fuq il-bażi tal-ħtiġijiet ta' sigurtà konkreti ([6]).

17. L-analiżi tal-EES u l-RTP mill-angolu ta' privatezza u protezzjoni tad-dejta għandha ssir fil-perspettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([7]) (minn hawn 'il quddiem: "il-Karta"), u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tagħha. L-Artikolu 7, li huwa simili għall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ([8]) (ECHR), jipprevedi dritt ġenerali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, u

([1]) Il-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini (ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1).

([2]) Ara r-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' dejta tal-*Eurodac* mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-*Europol* għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013 p. 1).

([3]) Ara r-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008 p. 60).

([4]) Ara r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU L 381, 28.12.2006 p. 4).

([5]) Ara dok. tal-Kunsill Nru 8018/13, in-Nota tal-Presidenza lill-Kumitat Strateġiku dwar l-Immigrazzjoni, il-Fruntieri u l-Ażil/Kumitat Imħallat (UE-L-Islanda/il-Liechtenstein/in-Norveġja/l-Isvizzera), 28 ta' Marzu 2013 dwar il-Pakkett dwar il-Fruntieri Intelliġenti. http://www.statewatch.org/news/2013/apr/eu-council-smart-borders-8018-13.pdf

([6]) Opinjoni tal-KEPD tal-10 ta' Lulju 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini (ĠU C 276, 17.11.2009, p. 8.).

([7]) ĠU C 83, 30.3.2010, p. 389.

([8]) Kunsill tal-Ewropa, ETS No 5, 4.11.1950.

jipproteġi lill-individwu kontra l-interferenza mill-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li l-Artikolu 8 tal-Karta jagħti lill-individwu d-dritt li d-dejta personali tiegħu jew tagħha tista' tiġi pproċessata biss taħt ċerti kondizzjonijiet speċifikati. Iż-żewġ approċċi huma differenti u komplementari. Il-pakkett dwar il-fruntieri intelliġenti se jiġi vvalutat minn dawn iż-żewġ perspettivi.

18. L-Opinjoni preżenti tiffoka ħafna fuq il-proposta tal-EES – li hija ferm rilevanti mill-perspettivi tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta – u hija strutturata kif ġej:

— Taqsima II tinkludi valutazzjoni ġenerali tas-sistema ta' Dħul u Ħruġ, li tiffoka fuq il-konformità maż-żewġ Artikoli 7 u 8 tal-Karta;

— Taqsima III tinkludi kummenti dwar dispożizzjonijiet aktar speċifiċi tal-EES li jikkonċernaw l-ipproċessar tad-dejta bijometrika u l-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi;

— Taqsima IV tinkludi kummenti dwar kwistjonijiet oħrajn imqajma mill-EES;

— Taqsima V tiffoka fuq ir-RTP;

— Taqsima VI tirreferi għall-ħtieġa għal salvagwardji addizzjonali tas-sigurtà tad-dejta;

— Taqsima VII telenka l-konklużjonijiet.

## VII. **Konklużjonijiet**

102. Il-pakkett dwar il-fruntieri Intelliġenti jimmira li joħloq sistema tat-Teknoloġija tal-Informatika fuq skala kbira sabiex tissupplimenta l-mekkaniżmi eżistenti ta' kontroll tal-fruntieri. Il-karattru legali ta' din is-sistema jeħtieġ li jiġi evalwat fl-isfond tal-prinċipji tal-Karta, b'mod partikolari l-Artikolu 7 dwar id-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u l-Artikolu 8 dwar il-protezzjoni tad-dejta personali, bl-objettiv li jivvaluta mhux biss l-interferenza mad-drittijiet fundamentali tal-iskema l-ġdida, iżda wkoll is-salvagwardji għall-protezzjoni tad-dejta pprovduti fil-Proposti.

103. F'dik il-perspettiva, il-KEPD jikkonferma li l-iskema EES proposta tikkostitwixxi interferenza mad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Filwaqt li huwa jilqa' s-salvagwardji fil-Proposti u jirrikonoxxi l-isforzi magħmula mill-Kummissjoni f'dan is-sens, huwa jikkonkludi li l-kwistjoni essenzjali tibqa' n-neċessità: l-ispiża/l-effiċjenza tas-sistema tinsab fin-nofs, mhux biss f'termini finanzjarji, iżda wkoll fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, li jidħru fil-kuntest globali ta' skemi eżistenti u politiki tal-fruntiera.

104. Il-KEPD jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin dwar l-EES:

— In-neċessità u l-proporzjonalità tas-sistema setgħet biss tiġi murija posittivament skont l-Artikolu 7 tal-Karta wara li tkun ġiet stabbilita politika Ewropea ċara dwar il-ġestjoni ta' persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta, u s-sistema tkun ivvalutata fl-isfond tal-kuntest aktar globali ta' sistemi eżistenti tat-Teknoloġija tal-Informatika fuq skala kbira.

— Il-prinċipji tal-protezzjoni tad-dejta għandhom jitjiebu skont l-Artikolu 8 kif ġej:

  — L-għanijiet għandhom ikunu limitati u d-disinn tas-sistema m'għandux ixekkel il-valutazzjoni futura ta' kull aċċess infurzat tal-liġi possibbli għad-dejta tal-EES.

  — Id-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta għandhom jiġu rinfurzati, speċjalment fir-rigward tad-dritt għall-informazzjoni u l-possibbiltajiet ta' rimedju, u għandu jittieħed kont tal-ħtieġa għal salvagwardji speċifiċi li jikkonċernaw deċiżjonijiet awtomatizzati meħuda fir-rigward tal-kalkolu tat-tul ta' permanenza.

  — Is-sorveljanza għandha tkun ikkumplimentata bi stampa ċara tal-allokazzjoni tal-kompetenzi f'livell nazzjonali, biex jiġi żgurat li s-suġġetti tad-dejta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom mal-awtorità rilevanti.

  — L-użu tal-bijometrika għandu jkun soġġett għal valutazzjoni tal-impatt immirat, u jekk ikun meqjus neċessarju, l-ipproċessar ta' dejta bħal din għandu jkun soġġett għal salvagwardji speċifiċi rigward il-proċess ta' reġistrazzjoni, il-livell ta' preċiżjoni u l-ħtieġa għal proċedura ta' riżerva. Barra dan, il-KEPD għandu dubju kbir dwar il-ġbir ta' 10 marki tas-swaba' minflok tnejn jew erbgħa li f'kull każ għandu jkun suffiċjenti għal skopijiet ta' verifika.

— Ir-raġunijiet li għalihom huwa neċessarju t-trasferiment ta' dejta tal-EES lil pajjiżi terzi għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu sostanzjati.

105. Filwaqt li r-RTP ma tqajjimx l-istess domandi sostanzjali fir-rigward tal-interferenza mad-drittijiet fundamentali bħall-EES, il-KEPD xorta jiġbed l-attenzjoni tal-leġiżlatur dwar l-aspetti li ġejjin:

— Il-bażi volontarja tas-sistema hija rikonoxxuta, imma l-kunsens għandu jiġi kkunsidrat biss bħala raġuni legali valida għall-ipproċessar tad-dejta jekk ikun mogħti liberament, li jfisser li r-RTP m'għandux isir l-unika alternattiva valida għal kjus twal u piżijiet amministrattivi.

— Għandhom jiġu evitati riskji ta' diskriminazzjoni: l-ammont kbir ta' vjaġġaturi li ma jivvjaġġawx bi frekwenza suffiċjenti biex joqogħdu għar-reġistrazzjoni jew li l-marki tas-swaba' tagħhom ma jistgħux jinqraw m'għandux ikun *de facto* fil-kategorija ta' vjaġġaturi "b'riskju ogħla".

— Il-proċess ta' verifika li jwassal għar-reġistrazzjoni għandu jkun ibbażat fuq aċċess selettiv għal bażijiet ta' dejta identifikati b'mod ċar.

106. Fir-rigward tal-aspetti ta' sigurtà, il-KEPD iqis li għall-EES u l-RTP għandhom jiġu żviluppati Pjan ta' Kontinwità tan-Negozju u prattiki ta' Ġestjoni tar-Riskju tas-Sigurtà tal-Informazzjoni biex jivvalutaw u jipprijoritizzaw ir-riskji. Barra minn hekk, għandha tkun prevista kollaborazzjoni qawwija bejn l-Aġenzija u l-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2013.

Peter HUSTINX

*Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.7144 – Apollo/Fondo de Garantía de Depósitos de Entidades de Crédito/Synergy)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 32/13)

1. Fl-24 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha l-affiljati ta' Apollo Management L.P. ("Apollo", l-Istati Uniti tal-Amerika) u Fondo de Garantía de Depósitos de Entidades de Crédito ("FGD", Spanja) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolamenti dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża Synergy Industry and Technology, SA ("Synergy", Spanja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Apollo: ġestjoni ta' fondi ta' investiment li tinvesti f'kumpaniji involuti f'bosta negozji madwar id-dinja. Eżempji tal-investimenti ta' bħalissa jinkludu, fost affarijiet oħrajn, kumpaniji fin-negozji tal-kimika, il-kruċiri, il-loġistika, il-karta, l-ippakkjar u l-metalli,

— għal FGD: FGD hija fond iffinanzjata bl-imnut, banek korporattivi u tat-tfaddil kif ukoll mill-bank ċentrali Spanjoli li tkopri depożiti fil-banek Spanjoli,

— għal Synergy: bħala l-kumpanija azzjonarja ta' Aernnova Group u azzjonista ta' Aeroblade SA u Orisol Corporación Energética SA, hija attiva fil-manifattura ta' makkinarju relatat mal-inġenji tal-ajru u tal-ispazju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
(2) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.7144 – Apollo/Fondo de Garantía de Depósitos de Entidades de Crédito/Synergy, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

2014/C 32/12 Sommarju Eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta dwar il-Proposti għal Regolament li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul u Ħruġ (EES) u Regolament li jistabbilixxi Programm tal-Vjaġġatur Irreġistrat (RTP) .......... 25

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2014/C 32/13 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.7144 – Apollo/Fondo de Garantía de Depósitos de Entidades de Crédito/Synergy) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ........ 30

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

**EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

**MT**